**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2023/2111(INI)**

18.10.2023

# EMENDI
# 1 - 302

**Abbozz ta' rapport**
**Zdzisław Krasnodębski**
(PE752.863v01-00)

L-enerġija ġeotermali
((2023/2111(INI))

**Emenda 1**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")[1a],*** |
| | ***[1a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?toc=OJ%3AL%3A2021%3A243%3ATOC&uri=uriserv%3AOJ.L_.2021.243.01.0001.01.ENG*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"),*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 31 u 37 tagħha,*** |

Or. fr

**Emenda 4**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942 kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni[1a],*** <br> ___ <br> ***[1a] COM(2023)0148 – C9-0049/2023 – 2023/0077(COD)*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

– *wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2020 dwar approċċ Ewropew komprensiv għall-ħżin tal-enerġija*[2a] *u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2023 dwar il-Ħżin tal-Enerġija — Insejsu sistema tal-enerġija tal-UE dekarbonizzata u sigura (2023/C 103/01)*[3a]

---

[2a] *Testi adottati_P9_TA(2020)0198*

[3a] *ĠU C 103, 20.3.2023, p. 1–5*

Or. en

**Emenda 6**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – *wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pompi tas-Sħana biex tiġi aċċellerata l-introduzzjoni fl-UE kollha mill-Kummissjoni Ewropea,* |

Or. en

**Emenda 7**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – *wara li kkunsidra r-Regolament dwar it-Tassonomija tal-Finanzi Sostenibbli (UE) 2019/2088 u r-Regolament Delegat mehmuż li jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika* |

***bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra***[12a]

***________________***

[12a] ***https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32021R2139***

Or. en

**Emenda 8**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***wara li kkunsidra r-rapport tal-Pjattaforma Ewropea għat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni dwar l-Enerġija Ġeotermali Profonda bit-titolu "Vision for Deep Geothermal" (Viżjoni għal Enerġija Ġeotermali Profonda),*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 9**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***wara li kkunsidra r-Rapport dwar is-Suq Ġeotermali 2022 tal-Kunsill Ewropew tal-Enerġija Ġeotermali*** | ***imħassar*** |

***ppubblikat fl-14 ta' Lulju 2023,***

Or. en

**Emenda 10**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Emissjonijiet ta' impjanti u applikazzjonijiet ġeotermali: ħarsa ġenerali u analiżi" mill-2020[1a]*** |

***[1a] Studju dwar Emissjonijiet ta' impjanti u applikazzjonijiet ġeotermali: ħarsa ġenerali u analiżi – Rapport finali, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020, ISBN 978-92-76-04112-2, doi: 10.2777/755565,***

Or. en

**Emenda 11**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-eżiti u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-"Istudju dwar Emissjonijiet ta' impjanti u applikazzjonijiet ġeotermali: ħarsa ġenerali u analiżi – Rapport finali"[10a],*** |

***[10a] Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-***

| | |
|---|---|
| | ***Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020, ISBN 978-92-76-04112-2, doi: 10.2777/755565*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-rapport dwar it-Tisħin u t-tkessiħ distrettwali fl-UE – "Overview of markets and regulatory frameworks under the revised Renewable Energy Directive" (Ħarsa ġenerali lejn is-swieq u oqfsa regolatorji taħt id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli riveduta),[4a]*** |
| | ***[4a] doi:10.2833/962525*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka mill-2023 bit-titolu "The heat pump wave: opportunities and challenges"[1a] (Il-mewġa tal-pompi tas-sħana: opportunitajiet u sfidi)*** |
| | ***[1a] Toleikyte, A., Roca Reina, J.C., Volt, J.,*** |

***Carlsson, J., Lyons, L., Gasparella, A., Koolen, D., De Felice, M., Tarvydas, D., Czako, V., Koukoufikis, G., Kuokkanen, A. u Letout, S., "The Heat Pump Wave: Opportunities and Challenges" (Il-Mewġa tal-Pompi tas-Sħana: Opportunitajiet u Sfidi), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023, doi:10.2760/27877, JRC134045***

Or. en

**Emenda 14**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | – ***wara li kkunsidra "The heat pump wave 2023" (Il-mewġa tal-pompi tas-sħana 2023), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023, ISBN 978-92-68-04870-2, doi: 10.2760/27877, JRC134045***[10c] |
| | _______________ |
| | [10c] ***https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/94cf1914-10b1-11ee-b12e-01aa75ed71a1 https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/94cf1914-10b1-11ee-b12e-01aa75ed71a1*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-riżultati tal-proġett reġjonali PATOS-2 – Particolato Atmosferico f'Toscana. Linea di ricerca 7. Individuazione di marker specifici delle centrali geotermoelettriche, Università degli Studi di Firenze 2 Dipartimento di Scienze della Terra - Università degli Studi di Firenze 3 Museo di Storia Naturale - CNR Istituto di Geoscienze e Georisorse, sezione di Firenze 4 - Dipartiment tal-Faċilitajiet tax-Xjenza, il-Mużew tal-Istorja Naturali, Londra, Regione Toscana, 2015,[10b]*** |
| | ***10b https://flore.unifi.it/retrieve/handle/2158/1017014/86438/2015RelazioneFinalePatos-DST.pdf*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni Ewropea tal-2023 bit-titolu "Overview of heating and cooling - Perceptions, markets and regulatory frameworks for decarbonisation" (Ħarsa ġenerali lejn it-tisħin u t-tkessiħ - Perċezzjonijiet, swieq u oqfsa regolatorji għad-dekarbonizzazzjoni)[1a]*** |
| | ***[1a] "Overview of heating and cooling - Perceptions, markets and regulatory frameworks for decarbonisation - Final Report" (Ħarsa ġenerali lejn it-tisħin u t-*** |

***tkessiħ - Perċezzjonijiet, swieq u oqfsa regolatorji għad-dekarbonizzazzjoni – Rapport Finali), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023, ISBN 978-92-76-61540-8, doi: 10.2833/962558,***

Or. en

**Emenda 17**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16d (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra "District heating and cooling in the European Union Overview of markets and regulatory frameworks under the revised Renewable Energy" (It-tisħin u t-tkessiħ distrettwali fil-Ħarsa Ġenerali tal-Unjoni Ewropea lejn is-swieq u l-oqfsa regolatorji taħt l-Enerġija Rinnovabbli riveduta), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022, ISBN 978-92-76-52343-7, doi: 10.2833/962525, (inklużi s-7 Annessi relatati)[10d]*** |
| | ***[10d] https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/4e28b0c8-eac1-11ec-a534-01aa75ed71a1*** |

Or. en

**Emenda 18**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16e (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

– *wara li kkunsidra "Studio geostrutturale, idrogeologico e geochimico ambientale dell'area amiatina", Università di Siena, 2008*[10e]

---

*10e*

*https://www.regione.toscana.it/documents/10180/726542/Studio+geostrutturale.pdf/63ecc29a-7f82-40b2-b610-cdfc7f17b562*

Or. en

**Emenda 19**
**Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra dak li huwa disponibbli dwar is-suġġett tal-Enerġija Ġeotermali għall-Kondizzjonament tal-Arja bl-użu ta' Pompi tas-Sħana, imsejħa wkoll Ġeoskambju jew Enerġija Ġeotermali tal-Wiċċ (Geoexchange jew Shallow Geothermal jew GSHP Pompi tas-Sħana Ġeotermika), f'termini ta' leġiżlazzjoni, regolamenti, pubblikazzjonijiet tekniċi u xjentifiċi;*** |

Or. it

**Emenda 20**
**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u*** |

***affordabbli għal kulħadd***[2a]***.***

---

[2a] ***Test adottat, P9_TA(2021)0020***

Or. ga

**Emenda 21**
**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 18b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja***[3a]***,*** |

---

[3a] ***COM(2020)789 final***

Or. ga

**Emenda 22**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa -A (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-A. Billi l-enerġija ġeotermali hija prezzjuża u sors lokali ta' enerġija rinnovabbli li tista' tipprovdi, b'mod koseteffettiv, elettriku konsenjabbli, sħana jew taħlita tat-tnejn u għandha potenzjal kbir għas-settur tal-enerġija u għall-produzzjoni tas-sħana;*** |

Or. en

**Emenda 23**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. Billi l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija huma responsabbli għal aktar minn 75 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-tfixkil reċenti tas-suq tal-enerġija enfasizza l-ħtieġa urġenti li tiżdied l-awtonomija strateġika tal-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 24**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi fl-Unjoni, il-maġġoranza tas-sħana prodotta għas-settur residenzjali hija bbażata fuq il-fjuwils fossili;*** |

Or. fr

**Emenda 25**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi l-enerġija ġeotermali tippermetti produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, lokali, kostanti u bi prezz baxx, u b'hekk tikkontribwixxi għas-*** |

| | |
|---|---|
| | ***sovranità tal-enerġija tal-kontinent, it-tranżizzjoni ekoloġika, il-kompetittività industrijali u l-protezzjoni tal-istandards tal-għajxien taċ-ċittadini Ewropej;*** |

Or. fr

**Emenda 26**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. Billi l-enerġija ġeotermali tista' tikkontribwixxi għall-objettivi stipulati fil-Pjan REPowerEU, speċjalment biex iżżid il-produzzjoni ta' enerġija nadifa u tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija;*** |

Or. en

**Emenda 27**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-pompi tas-sħana u t-teknoloġiji tal-enerġija ġeotermali huma kategoriji meqjusa bħala teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti għall-Ewropa ***fl-Att*** dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti; | B. billi ***t-teknoloġiji tal-enerġija ġeotermali huma inklużi f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fil-proposta leġiżlattiva tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti tal-Kummissjoni Ewropea u*** l-pompi tas-sħana u t-teknoloġiji tal-enerġija ġeotermali huma kategoriji meqjusa bħala teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti għall-Ewropa ***fl-Anness tal-Att*** dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti; |

Or. en

**Emenda 28**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-pompi tas-sħana u t-teknoloġiji tal-enerġija ġeotermali huma ***kategoriji meqjusa*** bħala teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti ***għall-Ewropa fl-Att*** dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti; | B. billi l-pompi tas-sħana u t-teknoloġiji tal-enerġija ġeotermali huma ***elenkati*** bħala teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti ***fl-anness tal-proposta tal-Kummissjoni tal-Att*** dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti; |

Or. en

**Emenda 29**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-kriżi tal-prezzijiet tal-enerġija u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna juru l-ħtieġa li nsaħħu s-sovranità tal-enerġija tagħna u l-loġika ta' investiment fit-tul meta mqabbla mal-profittabbiltà fuq terminu qasir ta' ċerti riżorsi bħall-gass, bil-ħsieb li jiġu żgurati l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea kollha b'mod ġenerali u s-saħħa ekonomika tajba tal-kontinent;*** |

Or. fr

**Emenda 30**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. Billi l-Ewropa teħtieġ iżżid is-sigurtà tal-enerġija f'konformità mal-Pjan REPowerEU tat-18 ta' Mejju 2022, l-enerġija ġeotermali toffri sors ta' enerġija rinnovabbli, dejjem disponibbli u lokali li tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-importazzjonijiet tal-enerġija minn pajjiżi terzi u għandha l-potenzjal li tipprovdi elettriku b'kost baxx u sħana ta' kwalità għolja liċ-ċittadini u lill-industriji;*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-bini jirrappreżenta 40 % tal-konsum finali tal-enerġija fl-UE u 36 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha relatati mal-enerġija, u billi 75 % tal-bini tal-UE għadu ineffiċjenti fl-użu tal-enerġija;*** |

Or. ga

**Emenda 32**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-industrija tistma li l-enerġija ġeotermali tista' tipprovdi aktar minn 25 % tat-tisħin u t-tkessiħ ikkonsmati fl-Ewropa | C. billi l-industrija tistma li l-enerġija ġeotermali tista' tipprovdi aktar minn 25 % tat-tisħin u t-tkessiħ ikkonsmati fl-Ewropa |

| | |
|---|---|
| u aktar minn 10 % tal-enerġija elettrika tagħha; | u aktar minn 10 % tal-enerġija elettrika tagħha***, filwaqt li tagħti kontribut importanti fil-proċess li ssir aktar reżiljenti u strateġikament awtonoma fl-enerġija kif ukoll fil-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku***; |

Or. en

**Emenda 33**
**Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-industrija tistma li l-enerġija ġeotermali tista’ tipprovdi aktar minn 25 % tat-tisħin u t-tkessiħ ikkonsmati fl-Ewropa u aktar minn 10 % tal-enerġija elettrika tagħha; | C. billi l-industrija tistma li l-enerġija ġeotermali ***għall-kondizzjonament tal-arja flimkien ma’ pompi tas-sħana ġeotermali*** tista’ tipprovdi aktar minn 25 % tat-tisħin u t-tkessiħ ikkonsmati fl-Ewropa u aktar minn 10 % tal-enerġija elettrika tagħha; |

Or. it

**Emenda 34**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-industrija tistma li l-enerġija ġeotermali tista’ tipprovdi aktar minn ***25*** % tat-tisħin u t-tkessiħ ikkonsmati fl-Ewropa u aktar minn ***10*** % tal-enerġija elettrika tagħha; | C. billi l-industrija tistma li l-enerġija ġeotermali tista’ tipprovdi aktar minn ***75*** % tat-tisħin u t-tkessiħ ikkonsmati fl-Ewropa u aktar minn ***15*** % tal-enerġija elettrika tagħha ***sal-2040***; |

Or. en

**Emenda 35**
**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi l-ħżin tal-enerġija termali taħt l-art jirrikjedi l-iżgħar kopertura tal-art u jirrappreżenta l-aktar metodu kosteffettiv għall-ħżin tal-enerġija termali, jista' jservi wkoll bħala għażla vijabbli għall-ħżin tal-elettriku fit-tul, dment li jiġi estiż biżżejjed appoġġ biex jiffaċilita d-dimostrazzjoni kummerċjali ta' tali proġetti;*** |

Or. ga

**Emenda 36**
**Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi wieħed iqis il-ħtieġa li jitħejja glossarju terminoloġiku multilingwi kondiviż għas-settur ġeotermali li jiddefinixxi b'mod inekwivoku l-kunċetti bażiċi relatati pereżempju mal-enerġija ġeotermali profonda jew elettrika jew b'entalpija għolja, ma' enerġija ġeotermali superfiċjali, jew skambju ġeotermali jew entalpija baxxa ħafna, għall-kondizzjonament tal-arja bl-użu ta' pompi tas-sħana tal-ilma-ilma;*** |

Or. it

**Emenda 37**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. Billi l-enerġija ġeotermali hija soluzzjoni rinnovabbli, immedjatament disponibbli, stabbli, żero netta u lokali biex jiġu ddekarbonizzati n-networks ta' tisħin distrettwali, f'konformità mad-definizzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika ta' "sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti".*** |

Or. en

**Emenda 38**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. Billi l-immudellar tal-enerġija użat mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni tal-perkorsi tad-dekarbonizzazzjoni u tal-għażliet ta' politika assoċjati jissottovaluta b'mod sinifikanti l-impatt pożittiv tal-enerġija ġeotermali u għalhekk jeħtieġ titjib biex jgħin it-tfassil effettiv tal-politika*** |

Or. en

**Emenda 39**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi l-enerġija ġeotermali*** |

***tirrappreżenta sors ta' enerġija lokali, rinnovabbli u dejjem disponibbli, bl-ogħla fattur ta' kapaċità fost is-sorsi rinnovabbli kif ukoll kostijiet operazzjonali baxxi u prevedibbli;***

Or. en

**Emenda 40**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi l-enerġija ġeotermali tagħmilha possibbli li tiġi offruta enerġija bi spejjeż kostanti f'kuntest ta' volatilità dejjem akbar fl-ispejjeż tal-enerġija, u b'hekk tikkontribwixxi għall-istabbiltà tal-prezzijiet;*** |

Or. fr

**Emenda 41**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi l-enerġija ġeotermali tista' tipprovdi opportunitajiet ekonomiċi għall-Istati Membri u tkun sors ta' impjiegi ta' kwalità, filwaqt li toħloq imjiegi li jirrikjedu għarfien lokali u li ma jistgħux jiġu esportati;*** |

Or. en

**Emenda 42**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb. Billi t-teknoloġiji ġeotermali jistgħu jipprovdu opportunitajiet sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija billi jagħmluha possibbli li jiġi ġġenerat l-elettriku, ikunu fornuti t-tisħin u t-tkessiħ, jiġi offrut ħżin termali taħt l-art u estrazzjoni sostenibbli tal-litju u minerali oħrajn.*** |

Or. en

**Emenda 43**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb. billi l-installazzjonijiet ġeotermali ma jirrikjedux materja prima kritika bħal teknoloġiji rinnovabbli oħrajn u tipikament jirrikjedu ħafna inqas art u għalhekk huma faċilment integrati fix-xenarju u fid-dehra tal-belt, peress li l-biċċa l-kbira tal-installazzjoni tkun taħt l-art;*** |

Or. en

**Emenda 44**
**Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb.	billi, skont l-istimi tal-industrija, aktar minn 10 % tal-elettriku tal-Unjoni jista' jiġi prodott minn sorsi ġeotermali totalment rinnovabbli (Ġeotermali jew Ġeotermali b'entalpija għolja);*** |

Or. it

**Emenda 45**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb.	billi t-tisħin, it-tkessiħ u l-enerġija ġeotermali diġà kkontribwew biex jitnaqqsu l-importazzjonijiet tal-gass u importazzjonijiet oħrajn ta' enerġija fossili mir-Russja u jista' jkollhom rwol fis-sigurtà tal-provvista futura tal-Unjoni Ewropea;*** |

Or. en

**Emenda 46**
**Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cc.	billi meta wieħed iqis l-iżviluppi potenzjali tat-tisħin distrettwali ġeotermali għall-kondizzjonament tal-arja ta' ċentri urbani b'mod partikolari kundizzjonijiet ġeoloġiċi u idroġeoloġiċi, li jistgħu jikkontribwixxu għal "Komunitajiet tal-Enerġija" lokali u l-awtokonsum kollettiv ta' enerġija rinnovabbli;*** |

Or. it

**Emenda 47**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cc. billi kundizzjonijiet u oqfsa ta' politika adegwati u komprensivi għadhom neqsin kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll tal-UE biex jagħtu spinta lill-iżvilupp u l-użu tal-enerġija ġeotermali fl-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 48**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cc. billi l-integrazzjoni tas-settur ma' teknoloġiji ġeotermali se jkollha rwol kruċjali biex jittejbu l-flessibbiltà u l-effiċjenza tas-settur tal-enerġija u titnaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu;*** |

Or. en

**Emenda 49**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cd (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***Cd. billi s-sinerġiji dwar l-esplorazzjoni ġeotermali mal-programm nazzjonali għall-esplorazzjoni ġenerali kienu mmirati lejn materja prima kritika, li kull Stat Membru għandu jfassal skont il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika;*** |

Or. en

**Emenda 50**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cd (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cd. billi l-ħżin tal-enerġija termali taħt l-art għandu l-inqas impronta fuq l-art u huwa l-aktar mezz kosteffettiv ta' ħżin ta' enerġija termali, li jista' jipprovdi wkoll ħżin elettriku fit-tul, jekk jiġi pprovdut appoġġ adegwat biex tali proġetti jintwerew mil-lat kummerċjali;*** |

Or. en

**Emenda 51**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1 Jinnota l-potenzjal sostanzjali tas-sħana ġeotermali għall-proċessi industrijali, b'mod partikolari għal proċessi b'intensità fl-użu tal-enerġija baxxa sa medja (taħt il-200 grad), li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jirrappreżenta sa nofs il-produzzjoni tal-industrija fl-Ewropa; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-iżvilupp tal-użu tas-sħana ġeotermali għal dan l-iskop se jżid il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej billi jipprovdi sors ta' provvista ta' sħana affidabbli u bi prezz raġonevoli;*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jinnota li l-iżvilupp tat-teknoloġiji wessa' ż-żona adattata għal proġetti ġeotermali kosteffiċjenti u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom; jisħaq ***fuq il-potenzjal*** ta' riżorsi ġeotermali b'temperatura baxxa u mhux profondi ***li*** huma disponibbli fl-Istati Membri kollha; | 1. Jinnota li l-iżvilupp tat-teknoloġiji wessa' ż-żona adattata għal proġetti ġeotermali kosteffiċjenti u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom; jisħaq ***li l-potenzjal*** ta' riżorsi ġeotermali b'temperatura baxxa u mhux profondi huma disponibbli fl-Istati Membri kollha; ***jisħaq fuq il-potenzjal ta' enerġija ġeotermali profonda li tista' tikkontribwixxi direttament għall-ġenerazzjoni tas-sħana u l-enerġija;*** |

Or. en

**Emenda 53**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jinnota li l-iżvilupp tat-teknoloġiji wessa' ż-żona adattata għal proġetti ġeotermali kosteffiċjenti u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom; jisħaq fuq il-potenzjal ***ta'*** riżorsi ġeotermali | 1. Jinnota li l-iżvilupp tat-teknoloġiji wessa' ż-żona adattata għal proġetti ġeotermali kosteffiċjenti u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom; jisħaq fuq il-potenzjal ***tat-tipi kollha ta' teknoloġiji tal-*** |

b'temperatura baxxa u mhux profondi li huma disponibbli fl-Istati Membri kollha;

***enerġija ġeotermali, speċjalment*** riżorsi ġeotermali b'temperatura baxxa u mhux profondi li huma disponibbli fl-Istati Membri kollha;

Or. en

**Emenda 54**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jinnota li l-iżvilupp tat-teknoloġiji wessa' ż-żona adattata għal proġetti ġeotermali kosteffiċjenti u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom; jisħaq fuq il-potenzjal ta' riżorsi ġeotermali b'temperatura baxxa u mhux profondi li huma disponibbli fl-Istati Membri kollha; | 1. Jinnota li l-iżvilupp tat-teknoloġiji wessa' ż-żona adattata għal proġetti ġeotermali kosteffiċjenti u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom; jisħaq fuq il-potenzjal ta' riżorsi ġeotermali b'temperatura baxxa u mhux profondi li huma disponibbli fl-Istati Membri kollha; ***jenfasizza l-potenzjal ta' proġetti ġeotermali profondi;*** |

Or. en

**Emenda 55**
**Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jinnota li l-iżvilupp tat-teknoloġiji wessa' ż-żona adattata għal proġetti ġeotermali kosteffiċjenti u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom; jisħaq fuq il-potenzjal ta' riżorsi ġeotermali b'temperatura baxxa u mhux profondi li huma disponibbli fl-Istati Membri kollha; | 1. Jinnota li l-iżvilupp tat-teknoloġiji wessa' ż-żona adattata għal proġetti ġeotermali kosteffiċjenti u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom; jisħaq fuq il-potenzjal ta' riżorsi ġeotermali b'temperatura baxxa u mhux profondi li huma ***potenzjalment*** disponibbli fl-Istati Membri kollha; |

Or. it

**Emenda 56**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jinnota li l-iżvilupp tat-teknoloġiji wessa' ż-żona adattata għal proġetti ġeotermali kosteffiċjenti u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom; jisħaq fuq il-potenzjal ta' riżorsi ġeotermali b'temperatura baxxa u mhux profondi li huma disponibbli fl-Istati Membri kollha; | 1. Jinnota li l-iżvilupp tat-teknoloġiji wessa' ż-żona adattata għal proġetti ġeotermali kosteffiċjenti u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom; jisħaq fuq il-potenzjal ta' riżorsi ġeotermali ***li jinsabu kullimkien*** b'temperatura baxxa u mhux profondi li huma disponibbli fl-Istati Membri kollha; |

Or. en

**Emenda 57**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jisħaq li l-enerġija ġeotermali għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jintlaħqu wħud mill-aktar għanijiet strateġiċi tal-UE, inkluż l-ilħuq tal-miri klimatiċi permezz tad-dekarbonizzazzjoni ta' setturi intensivi fil-karbonju u t-tisħiħ tal-awtonomija strateġika tal-UE billi jissaħħu l-ħtiġijiet ta' sigurtà tal-enerġija, jitnaqqsu d-dipendenzi mill-fjuwils fossili minn pajjiżi terzi mhux affidabbli, bħar-Russja, tiżdied il-kompetittività tal-industrija Ewropej u tingħata s-setgħa lill-konsumaturi bis-saħħa ta' provvista tas-sħana u tal-elettriku bi prezz raġonevoli u affidabbli;*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jissottolinja l-potenzjal tal-enerġija ġeotermali li tagħti kontribut sostanzjali biex jintlaħqu l-objettivi strateġiċi ewlenin fl-UE, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ilħuq tal-miri klimatiċi permezz tad-dekarbonizzazzjoni ta' setturi b'intensità tal-karbonju għolja;*** |

Or. ga

**Emenda 59**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. jesprimi dispjaċir li l-użu tal-enerġija ġeotermali għadha baxx wisq minħabba l-appoġġ pubbliku limitat għas-settur u l-investimenti kbar involuti; jitlob, għalhekk, politiki ta' appoġġ fit-tul u ppjanar pubbliku għas-settur;*** |

Or. fr

**Emenda 60**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***1a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ideat żbaljati tal-pubbliku, jiġi indirizzat it-tħassib u tiżdied is-sensibilizzazzjoni permezz ta' involviment akbar tal-partijiet ikkonċernati u l-applikazzjoni stretta ta' standards ambjentali matul l-istadji kollha ta' proġetti tal-enerġija ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jenfasizza li l-ħtieġa u l-potenzjal għat-tisħin distrettwali huma l-ogħla fl-Ewropa tat-Tramuntana u tal-Lvant Ċentrali u, għall-kuntrarju, il-ħtiġijiet u l-potenzjal għat-tkessiħ distrettwali huma l-ogħla fl-Ewropa tan-Nofsinhar; jinnota wkoll li l-ħtieġa u l-potenzjal għat-tkessiħ distrettwali madwar id-dinja, inkluż fl-Ewropa, aktarx se jiżdiedu fil-futur minħabba li temperaturi aktar sħan u mewġiet tas-sħana huma mistennija jsiru aktar frekwenti bħala konsegwenza diretta tat-tibdil fil-klima; jinnota, f'dan ir-rigward, li xi pajjiżi fil-Lvant Nofsani diġà qed jistabbilixxu kuntatti ma' kumpaniji u esperti Ewropej rilevanti biex jimportaw teknoloġiji tat-tkessiħ u għarfien għas-swieq domestiċi tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 62**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Subintestatura 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***jissottolinja li l-iżvilupp tal-enerġija ġeotermali ġie mxekkel minħabba loġiċi tas-suq li ffavorixxew investimenti f'infrastruttura finanzjarjament profittabbli fuq perjodu ta' żmien qasir fejn l-ippjanar strateġiku mis-settur pubbliku kien jippermetti li l-użu tal-enerġija ġeotermali jiġi aċċellerat billi titqies il-loġika fit-tul bħat-tisħiħ tas-sovranità Ewropea, it-tnaqqis tal-ispejjeż tal-enerġija fit-tul u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-produzzjoni tal-enerġija;*** |

Or. fr

**Emenda 63**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jenfasizza l-potenzjal immedjat tal-enerġija ġeotermali li tikkontribwixxi għall-miri klimatiċi permezz tas-sħana ġeotermali konnessa ma' networks ta' tisħin distrettwali effiċjenti; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu mmodernizzati n-networks tat-tisħin distrettwali eżistenti u jinbnew networks tat-tisħin b'temperatura baxxa biex jippermettu l-varar tas-sħana ġeotermali; dan jista' jappoġġja l-ħolqien ta' pjanijiet ta' tisħin muniċipali u ta' pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima, kif meħtieġ mid-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika;*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jenfasizza li l-opportunità primarja għall-isfruttar tal-enerġija ġeotermali fl-UE tinsab b'mod predominanti f'sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali u f'networks ta' impjanti ġeotermali tal-wiċċ;*** |

Or. ga

**Emenda 65**
**Pernille Weiss, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Jissottolinja l-potenzjal għoli tas-sħana ġeotermali fil-produzzjoni tal-ikel domestika, b'mod partikolari għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, l-ortikultura u l-akkwakultura; jinnota, madankollu, li dawn is-setturi bħalissa jiddependu mill-fjuwils fossili għall-produzzjoni tagħhom u jirrilaxxaw ammont kbir ta' gassijiet serra; jissottolinja, għalhekk, li l-użu tas-sħana ġeotermali se jikkontribwixxi biex jiġu ddekarbonizzati dawn is-setturi filwaqt li jnaqqas il-kostijiet tal-produzzjoni kif ukoll il-kostijiet tal-enerġija għoljin u l-volatilità tal-prezzijiet għall-bdiewa;*** |

Or. en

**Emenda 66**

**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Jenfasizza li s-settur tat-tisħin u t-tkessiħ jikkostitwixxi kważi nofs il-konsum finali globali tal-enerġija tal-UE u jikkontribwixxi sa 35 % għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE relatati mal-użu tal-enerġija; jissottolinja r-rwol sinifikanti li l-enerġija ġeotermali jista' jkollha biex tgħin lill-UE tilħaq il-miri klimatiċi tagħha, speċjalment fil-proċess tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tisħin u t-tkessiħ;*** |

Or. ga

**Emenda 67**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. ifakkar, għal dan l-għan, li l-ġestjoni tal-iżvilupp tal-enerġija ġeotermali fi ħdan il-qafas ta' servizz pubbliku tal-enerġija tagħmilha possibbli li dawn l-objettivi jintlaħqu b'mod aktar effettiv;*** |

Or. fr

**Emenda 68**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. Jisħaq li l-akbar potenzjal għall-użu tal-enerġija ġeotermali fl-UE qiegħed fis-sistemi u fin-networks tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali ta' installazzjonijiet ġeotermali baxxi; ifakkar, f'dan ir-rigward, li s-settur tat-tisħin u t-tkessiħ huwa responsabbli għal 50 % tal-konsum tal-enerġija finali totali tal-UE u sa 35 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE relatati mal-enerġija; jissottolinja, għalhekk, li l-enerġija ġeotermali jista' jkollha rwol importanti biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-klima, b'mod partikolari fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu inċentivi b'saħħithom għall-immodernizzar u l-espansjoni ta' networks tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali kif ukoll joħolqu kemm jista' jkun inċentivi ġodda li jiffavorixxu sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ tar-raba' u l-ħames ġenerazzjoni; jinnota li dan jappoġġja l-ħolqien ta' pjanijiet ta' tisħin muniċipali u ta' pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima, kif meħtieġ mid-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika;*** |

Or. en

**Emenda 69**
**Pernille Weiss, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1e. Iqis li l-enerġija ġeotermali għandha titqies meta jiġi ddeżinjat il-post ġeografiku tal-Widien tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti bħala parti mill-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, b'tali mod li l-Widien*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandhom possibbilment ikunu jinsabu f'reġjuni b'potenzjal ta' enerġija ġeotermali, bis-saħħa tal-provvista tal-enerġija kostanti, irħisa u rinnovabbli li din tista' tipprovdi;*** |

Or. en

**Emenda 70**
**Morten Petersen, Iskra Mihaylova, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Jilqa' l-iżvilupp tas-settur ġeotermali lil hinn mill-ġenerazzjoni tal-enerġija u tat-tisħin u t-tkessiħ; jisħaq li l-proċess tal-estrazzjoni tal-litju mis-salmuri ġeotermali jista' jgħin biex tiġi żgurata provvista sostenibbli u lokali tal-litju;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 71**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Jilqa' l-iżvilupp tas-settur ġeotermali lil hinn mill-ġenerazzjoni tal-enerġija u tat-tisħin u t-tkessiħ;*** jisħaq li l-proċess tal-estrazzjoni tal-litju mis-salmuri ġeotermali jista' jgħin biex tiġi żgurata provvista sostenibbli u lokali tal-litju; | 2. Jisħaq li l-proċess tal-estrazzjoni tal-litju mis-salmuri ġeotermali jista' jgħin biex tiġi żgurata provvista sostenibbli u lokali tal-litju; ***jinnota, f'dan ir-rigward, li faċilitajiet li jestrattaw kemm enerġija ġeotermali kif ukoll materja prima (bħal-litju) għandhom impatt ogħla fuq il-ħolqien tal-impjiegi minn impjanti ġeotermali tradizzjonali kif ukoll iżidu l-attraenza tar-reġjun li fih isiru l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***operazzjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 72**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jilqa' l-iżvilupp tas-settur ġeotermali lil hinn mill-ġenerazzjoni tal-enerġija u tat-tisħin u t-tkessiħ; jisħaq li l-proċess tal-estrazzjoni tal-litju mis-salmuri ġeotermali jista' jgħin biex ***tiġi żgurata provvista sostenibbli u lokali tal-litju***; | 2. Jilqa' l-iżvilupp tas-settur ġeotermali lil hinn mill-ġenerazzjoni tal-enerġija u tat-tisħin u t-tkessiħ; jisħaq li l-proċess tal-estrazzjoni tal-litju ***u ta' materja prima oħra essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika*** mis-salmuri ġeotermali jista' jgħin biex ***jiġu estratti mis-sottoswol b'impatt ambjentali aktar baxx mill-estrazzjoni konvenzjonali tal-minjieri***; |

Or. fr

**Emenda 73**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jilqa' l-iżvilupp tas-settur ġeotermali lil hinn mill-ġenerazzjoni tal-enerġija u tat-tisħin u t-tkessiħ; jisħaq li l-proċess tal-estrazzjoni ***tal-litju*** mis-salmuri ġeotermali jista' jgħin biex ***tiġi żgurata*** provvista sostenibbli u lokali ***tal-litju***; | 2. Jilqa' l-iżvilupp tas-settur ġeotermali lil hinn mill-ġenerazzjoni tal-enerġija u tat-tisħin u t-tkessiħ; jisħaq li l-proċess tal-estrazzjoni ***ta' materja prima b'mod sostenibbli għall-ambjent*** mis-salmuri ġeotermali jista' jgħin biex ***jikkontribwixxi għall-iżgurar ta'*** provvista sostenibbli u lokali ***ta' materja prima kritika strateġika bħal-litju***; |

Or. en

**Emenda 74**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jilqa' l-iżvilupp ***tas-settur*** ġeotermali ***lil hinn mill-ġenerazzjoni tal-enerġija*** u tat-tisħin u t-tkessiħ; jisħaq li l-proċess tal-estrazzjoni tal-litju mis-salmuri ġeotermali jista' jgħin biex tiġi żgurata provvista sostenibbli u lokali tal-litju; | 2. Jilqa' l-iżvilupp ***u l-applikazzjoni b'suċċess tal-ġenerazzjoni tal-enerġija*** ġeotermali u tat-tisħin u t-tkessiħ; jisħaq li l-proċess tal-estrazzjoni tal-litju mis-salmuri ġeotermali jista' jgħin biex tiġi żgurata provvista sostenibbli u lokali tal-litju; |

Or. en

**Emenda 75**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jisħaq li l-enerġija ġeotermali se jkollha rwol importanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ u għalhekk tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-ilħuq tan-newtralità klimatika fl-2050; jissottolinja li huwa ta' importanza kbira li tiġi aċċellerata ż-żieda tal-enerġija ġeotermali fl-Unjoni kollha;*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Iqis li l-enerġija ġeotermali tirrappreżenta alternattiva importanti biex tissostitwixxi l-gass Russu fis-sistema ta' tisħin distrettwali eżistenti fl-Ukrajna; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiffavorixxi l-enerġija ġeotermali biex tappoġġja r-rikostruzzjoni sikura u sostenibbli tal-pajjiż;*** |

Or. en

**Emenda 77**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jemmen li l-potenzjal tal-estrazzjoni minerarja tal-materja prima tas-salmuri ġeotermali għandu jiġi investigat aktar biex tiżdied u tissaħħaħ ir-reżiljenza ġeopolitika u ekonomika tal-UE fil-ktajjen ta' provvista siguri ta' materja prima u komposti, b'mod partikolari materja prima strateġika u kritika;*** |

Or. en

**Emenda 78**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Jirrikonoxxi li l-enerġija*** |

| | |
|---|---|
| | ***ġeotermali hija sors ta' enerġija rinnovabbli mhux intermittenti li jista' jkollha rwol ċentrali fl-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija lokali stabbli bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli, u b'hekk tittejjeb ir-reżiljenza tal-enerġija, ġeopolitika u ekonomika tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Jirrikonoxxi li l-potenzjal tal-enerġija ġeotermali sa issa kien fil-biċċa l-kbira mhux sfruttat, parzjalment minħabba ostakli soċjali, bħan-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni u għarfien fost dawk li jfasslu l-politika, l-awtoritajiet lokali, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-pubbliku ġenerali;*** |

Or. en

**Emenda 80**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ġeotermali li huma kapaċi jaħżnu l-enerġija żejda mir-riħ u mix-xemx biex imbagħad tintuża fit-tisħin, it-tkessiħ u l-produzzjoni tal-enerġija, u għar-rwol kruċjali tagħhom għall-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli; | 3. ***Jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ġeotermali, filwaqt li l-fotovoltajka, l-enerġija mir-riħ u l-pompi tas-sħana jiddominaw id-diskussjoni dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija, l-enerġija ġeotermali għad għandha rwol periferiku fid-diskussjoni dwar l-enerġija*** |

***rinnovabbli. Madankollu l-enerġija ġeotermali għandha potenzjal enormi u sa issa ftit li xejn sfruttat għad-dekarbonizzazzjoni u biex tnaqqas id-dipendenza tal-Ewropa mill-fjuwils fossili u l-importazzjonijiet tal-enerġija assoċjati għall-ġenerazzjoni tas-sħana u tal-elettriku. Barra minn hekk,*** jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ġeotermali li huma kapaċi jaħżnu l-enerġija żejda mir-riħ u mix-xemx biex imbagħad tintuża fit-tisħin, it-tkessiħ u l-produzzjoni tal-enerġija, u għar-rwol kruċjali tagħhom għall-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli; ***addizzjonalment jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ġeotermali fil-qasam tal-minjieri inattivi fejn jista' jintuża l-potenzjal ġeotermali tal-ilma tal-minjieri;***

Or. en

**Emenda 81**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ġeotermali li huma kapaċi jaħżnu l-enerġija żejda mir-riħ u mix-xemx biex imbagħad tintuża fit-tisħin, it-tkessiħ u l-produzzjoni tal-enerġija, u għar-rwol kruċjali tagħhom għall-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli; | 3. Jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ***ta' ħżin*** ġeotermali li huma kapaċi jaħżnu l-enerġija żejda mir-riħ u mix-xemx biex imbagħad tintuża fit-tisħin, it-tkessiħ u l-produzzjoni tal-enerġija, u għar-rwol kruċjali tagħhom għall-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli; ***jisħaq, f'dan ir-rigward, li minjieri tal-faħam u akwiferi abbandunati huma adattati b'mod speċjali għall-ħżin termali staġjonali fuq skala kbira jew ħżin elettriku għal perjodu twil; jinnota l-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-iżvilupp kummerċjali ta' ħżin f'akwiferi u ħżin elettriku għal perjodu twil permezz tal-Fond għall-Innovazzjoni tal-UE u li jiġu*** |

| | |
|---|---|
| | ***pprovduti oqfsa tas-suq biex jiġi inċentivat il-ħżin termali staġjonali fuq skala industrijali fl-Ewropa; jissottolinja, b'mod ġenerali, il-potenzjal tal-enerġija ġeotermali għall-ibbilanċjar tal-grilja minħabba l-fattur ta' kapaċità għolja, il-flessibbiltà tal-provvista u l-potenzjal konsenjabbli tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 82**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ġeotermali li huma kapaċi jaħżnu l-enerġija żejda mir-riħ u mix-xemx biex imbagħad tintuża fit-tisħin, it-tkessiħ u l-produzzjoni tal-enerġija, u għar-rwol kruċjali tagħhom għall-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli; | 3. Jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ġeotermali li huma kapaċi jaħżnu l-enerġija żejda mir-riħ u mix-xemx ***(termali solari u fotovoltajka solari)*** biex imbagħad tintuża fit-tisħin, it-tkessiħ u l-produzzjoni tal-enerġija, u għar-rwol kruċjali tagħhom għall-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli; |

Or. en

**Emenda 83**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ġeotermali li huma kapaċi jaħżnu l-enerġija żejda mir-riħ u mix-xemx biex imbagħad tintuża fit-tisħin, it-tkessiħ u l-produzzjoni tal-enerġija, u għar-rwol ***kruċjali*** tagħhom għall-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli; | 3. Jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ġeotermali li huma kapaċi jaħżnu l-enerġija żejda mir-riħ u mix-xemx biex imbagħad tintuża fit-tisħin, it-tkessiħ u l-produzzjoni tal-enerġija, u għar-rwol ***ta' appoġġ*** tagħhom għall-iżvilupp ***u l-istabbiltà*** ta' sistemi tal-enerġija bbażati |

fuq sorsi rinnovabbli;

Or. en

**Emenda 84**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ġeotermali li huma kapaċi jaħżnu l-enerġija żejda ***mir-riħ u*** mix-xemx biex imbagħad tintuża fit-tisħin***, it-tkessiħ u l-produzzjoni tal-enerġija, u għar-rwol kruċjali tagħhom għall-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli***; | 3. Jiġbed l-attenzjoni għal soluzzjonijiet ġeotermali li huma kapaċi jaħżnu l-enerġija żejda mix-xemx***, speċjalment fis-sajf,*** biex imbagħad tintuża fit-tisħin ***permezz tal-iċċarġjar kalorifiku tal-ħamrija, li jippermetti li s-sħana tiġi rritornata fil-ħamrija li kienet tintuża biex tiġi prodotta matul ix-xitwa***; |

Or. fr

**Emenda 85**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. Jinnota l-potenzjal ta' użu kaskata, jiġifieri meta l-istess fluwidu ġeotermali jintuża għal diversi skopijiet; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitrawmu sinerġiji intersettorjali bejn is-settur ġeotermali u setturi oħra, inkluż permezz tal-użu kondiviż ta' siti, infrastruttura, data u ħiliet tal-forza tax-xogħol; | 4. Jinnota ***l-potenzjal ta' enerġija ġeotermali mhux profonda, ta' enerġija ġeotermali ta' profondità medja u ta' enerġija ġeotermali profonda b'mod partikolari li tista' tagħti kontribut enormi għat-tranżizzjoni tas-settur tas-sħana, anke*** l-potenzjal ta' użu kaskata, jiġifieri meta l-istess fluwidu ġeotermali jintuża għal diversi skopijiet; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitrawmu sinerġiji intersettorjali bejn is-settur ġeotermali u setturi oħra, inkluż permezz tal-użu kondiviż ta' siti, infrastruttura, data u ħiliet tal-forza tax-xogħol; |

Or. en

**Emenda 86**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jinnota l-potenzjal ta' użu kaskata, jiġifieri meta l-istess fluwidu ġeotermali jintuża għal diversi skopijiet; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitrawmu sinerġiji intersettorjali bejn is-settur ġeotermali u setturi oħra, ***inkluż*** permezz tal-użu kondiviż ta' siti, infrastruttura, data u ħiliet tal-forza tax-xogħol; | 4. Jinnota l-potenzjal ta' użu kaskata, jiġifieri meta l-istess fluwidu ġeotermali jintuża għal diversi skopijiet; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitrawmu sinerġiji intersettorjali bejn is-settur ġeotermali u setturi oħra, ***inkluża l-agrikoltura (pereżempju, it-tisħin u t-tkessiħ tas-serer fis-settur agrikolu u tal-florikultura, kif ukoll il-katina ta' provvista tal-ipproċessar agroalimentari) u*** permezz tal-użu kondiviż ta' siti, infrastruttura, data u ħiliet tal-forza tax-xogħol; |

Or. en

**Emenda 87**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jinnota l-potenzjal għall-enerġija ġeotermali bħala kontribut rinnovabbli u stabbli għad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali kif meħtieġ skont id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (UE) 2023/1791 u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (UE) 2023; 6+*** |

Or. en

**Emenda 88**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-installazzjonijiet ġeotermali ma jirrikjedux materja prima kritika daqs teknoloġiji rinnovabbli oħrajn, u l-investimenti l-kbar kollha huma lokali; jinnota li jekk jitqies l-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja sostenibbli, l-enerġija ġeotermali għandha l-aktar impatt ambjentali baxx meta mqabbla ma' riżorsi rinnovabbli oħrajn, u tipikament tirrikjedi ħafna inqas art u tista' tkun integrata aktar faċilment fix-xenarju;*** |

Or. en

**Emenda 89**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jirrikonoxxi li l-kuntest kurrenti kkaratterizzat mill-gwerra mhux ipprovokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 bit-tfixkil sussegwenti tagħha tal-ktajjen ta' provvista, urew b'mod ċar il-ħtieġa li tingħata spinta lill-iżvilupp u l-użu tal-enerġija ġeotermali fl-UE kollha;*** |

Or. en

**Emenda 90**

**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. ifakkar li l-Istati Membri ma għandhomx l-istess potenzjal għall-iżvilupp tal-enerġija ġeotermali jew l-istess mezzi biex jagħmlu dan; jitlob, għalhekk, żvilupp koordinat tal-enerġija ġeotermali fil-livell tal-Unjoni fi spirtu ta' solidarjetà permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri;*** |

Or. fr

**Emenda 91**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jissottolinja li jistgħu jiġu adattati soluzzjonijiet tekniċi għall-isfruttament ta' riżorsi ġeotermali baxxi u li dawn diġà qed jintużaw f'ċerti Stati Membri biex jisfruttaw il-potenzjal ta' tisħin u tkessiħ ta' sistemi ta' dranaġġ, akwedotti u riżervi;*** |

Or. en

**Emenda 92**
**Beatrice Covassi, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***4a. Jinnota l-potenzjal tal-enerġija ġeotermali għad-dekarbonizzazzjoni industrijali; jenfasizza l-esperjenzi ta' suċċess diġà implimentati fis-settur agroalimentari f'reġjuni Ewropej differenti.*** |

Or. en

**Emenda 93**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-potenzjal tal-enerġija ġeotermali ma ġiex sfruttat b'mod suffiċjenti qabel u li l-adozzjoni reċenti tagħha hija kkawżata fil-biċċa l-kbira mill-kriżi tal-enerġija u ħtieġa urġenti biex tittaffa l-pressjoni soċjoekonomika tad-domanda għat-tisħin u t-tkessiħ fl-Ewropa; iwissi li l-influss ta' gass Russu rħis issussidjat ilu jxekkel b'mod effettiv l-iżvilupp tal-enerġija ġeotermali għal snin sħaħ;*** |

Or. en

**Emenda 94**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 2a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jinnota li data u ċifri ta' kwalità għolja jwasslu għal appoġġ politiku favorevoli u jgħinu biex jistabbilixxu miri tal-enerġija ambizzjużi;*** |

Or. en

**Emenda 95**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza li, fl-2022, 151 negozju u industrija stiednu lill-Kummissjoni tħejji strateġija Ewropea biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija ġeotermali; | 5. ***Jistieden lill-Kummissjoni Ewropew tressaq proposta għal strateġija ġeotermali tal-UE li tagħti gwida konkreta lill-Istati Membri u lill-amministrazzjonijiet lokali biex jaċċelleraw il-varar tat-teknoloġiji tal-enerġija ġeotermali għad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u jikkontribiwxxu għall-indipendenza tal-enerġija tal-UE; jilqa' l-Istrateġija tal-Enerġija Solari tal-UE (COM(2022) 221 final) u l-ambizzjoni tagħha għal varar massiv u b'pass mgħaġġel ta' enerġija rinnovabbli li għandha tiġi riflessa meta titħejja l-istrateġija ġeotermali tal-UE;*** jenfasizza li, fl-2022, 151 negozju u industrija stiednu lill-Kummissjoni tħejji strateġija Ewropea biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija ġeotermali; |

Or. en

**Emenda 96**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza li, fl-2022, 151 negozju u industrija stiednu lill-Kummissjoni tħejji strateġija Ewropea biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija ġeotermali; | 5. ***Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija ġeotermali tal-UE bil-għan li jinħoloq approċċ għall-Ewropa kollha għall-adozzjoni tal-enerġija*** |

***ġeotermali; inkluża valutazzjoni tal-potenzjal tat-tisħin distrettwali ġeotermali;*** jenfasizza li, fl-2022, 151 negozju u industrija stiednu lill-Kummissjoni tħejji strateġija Ewropea biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija ġeotermali;

Or. en

**Emenda 97**
**Martin Hojsík, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Morten Petersen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***5a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi Alleanza Ġeotermali Ewropea, li tinkludi Stati Membri, is-settur tal-adozzjoni, l-industrija, il-komunità xjentifika, investituri possibbli u s-soċjetà ċivili, biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe strateġija ġeotermali tal-UE futura. L-Alleanza Ġeotermali Ewropea għandha sservi wkoll biex tappoġġja l-istabbiliment ta' oqfsa regolatorji robusti, filwaqt li tikkondividi l-aħjar prattiki li jinsabu fi swieq ġeotermali maturi u tappoġġja manifattura u ħiliet suffiċjenti meħtieġa biex tintlaħaq il-mira tal-produzzjoni domestika ta' 40 % deskritta fl-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (NZIA);*** |

Or. en

**Emenda 98**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***5a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi strateġija tal-UE biex tilħaq il-mira li tittrippla l-kapaċità ġeotermali sal-2030. L-għan huwa li jiġi żgurat qafas regolatorju sod, li jippermetti l-proċessi, data ġeoloġika diġitali, implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, il-promozzjoni tal-aqwa prattiki, prodotti ta' riskju finanzjarju armonizzati, appoġġ għall-ippjanar ta' sistemi ġeotermali distrettwali u f'networks;*** |

Or. en

**Emenda 99**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***5a. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji Strateġija Ġeotermali għall-Ewropa biex tissodisfa l-mira li l-kapaċità ġeotermali tittrippla sal-2030 u lil hinn minnha, kif imħabbar fil-pjan REPowerEU; jinnota wkoll li l-iskop tal-istrateġija għandu jkun li tiżgura l-istabbiliment ta' oqfsa regolatorji adegwati għall-forom kollha ta' enerġija ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 100**
**Beatrice Covassi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |

***5a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tistandardizza d-definizzjonijiet, applikazzjonijiet, regoli ta' permessi u għodod ta' emissjonijiet taċ-ċikli tal-ħajja għas-settur ġeotermali sabiex ikun iffaċilitat it-tkabbir tal-elettriku ġeotermali, it-tisħin, it-tkessiħ, l-użi ta' ħżin fi grilji tal-enerġija, il-binjiet, is-setturi tal-industrija u agroalimentari;***

Or. en

**Emenda 101**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji studju komprensiv li se jivvaluta l-potenzjal tal-enerġija ġeotermali fis-sottosuperfiċe mhux profonda, medja, profonda u profonda ħafna fis-27 Stat Membru; jinnota li dan l-istudju għandu jgħin biex jidentifika l-potenzjal tal-enerġija ġeotermali għal diversi użi, inkluż iżda mhux limitat għal, tisħin, tkessiħ distresttwali, proċessi industrijali, produzzjoni tal-ikel, pompi tas-sħana, ġenerazzjoni tal-elettriku, produzzjoni ta' idroġenu u litju rinnovabbli; jinnota li dan l-istudju għandu jivvaluta wkoll l-impatt tal-iżvilupp tal-enerġija ġeotermali fuq id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, il-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi, u l-kosteffettività meta mqabbla ma' sorsi ta' enerġija oħra;*** |

Or. en

**Emenda 102**

**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tintroduċi skema ta' mitigazzjoni tar-riskju finanzjarju Ewropea biex tipprovdi kopertura lill-awtoritajiet lokali u lill-iżviluppaturi tal-proġett ħalli tgħin l-iżvilupp ta' kapaċità tal-enerġija ġeotermali kosteffettiva fl-Ewropa kollha. Din tista' tiġi estiża għal pajjiżi ġirien biex tiffaċilita l-ilħuq tal-miri tagħhom għas-sigurtà tal-enerġija;*** |

Or. en

**Emenda 103**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi Alleanza Ġeotermali Ewropea biex tiffaċilita t-tkabbir aċċellerat għas-settur u tiżgura s-sigurtà tal-enerġija u l-awtonomija strateġika tal-UE. L-Alleanza għandha tippromwovi wkoll ir-replikazzjoni tal-oqfsa regolatorji robusti u l-aħjar prattiki deskritti fi swieq ġeotermali maturi kif ukoll tappoġġja l-iżvilupp tal-katina ta' provvista.*** |

Or. en

**Emenda 104**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji studju li se jidentifika l-ostakli għall-iżvilupp ta' proġetti ġeotermali, inklużi kwistjonijiet transfruntiera u jipprovdi gwida dwar l-aħjar prattiki tal-użu tal-enerġija ġeotermali fl-UE għal awtoritajiet nazzjonali u lokali, żviluppaturi tal-proġetti u istituzzjonijiet finanzjarji;*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea temenda leġiżlazzjoni rilevanti għall-Operaturi tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (DSOs) tal-elettriku u l-gass biex tiffaċilita l-koordinazzjoni bejn kumpaniji tal-enerġija tan-network tas-sħana u tal-kesħa u l-awtoritajiet lokali biex jippjanaw, jinvestu u jimmaniġġjaw networks/sistemi distrettwali ta' tisħin u tkessiħ ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 106**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5e. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi qafas biex tirrinumera l-ħżin tal-enerġija termali ta' taħt l-art minħabba li dan mhux se jkun kopert mir-riformi tad-Disinn tas-Suq tal-Elettriku u tipprovdi sejħa ddedikata għal proġetti pilata ta' impjanti ta' ħżin elettriku għal perjodu twil idroelettriċi ppompjati taħt l-art għaliex dan huwa kruċjali għall-operat bla xkiel tas-sistema tal-elettriku u s-sigurtà tal-enerġija tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 107**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jisħaq li l-miżuri nazzjonali u fl-UE kollha għall-enerġija ġeotermali għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-potenzjal ġeotermali tal-Ewropa, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ġeoloġiċi u klimatiċi ***diversi,*** u fuq stima tal-kostefficjenza tal-varar ta' soluzzjonijiet ġeotermali; | 6. Jisħaq li l-miżuri nazzjonali u fl-UE kollha għall-enerġija ġeotermali għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-potenzjal ***tas-settur*** ġeotermali tal-Ewropa ***kif ukoll sorsi ewlenin ta' domanda biex jiġu identifikati liema huma l-aktar tipi xierqa ta' soluzzjonijiet ġeotermali***, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ġeoloġiċi u klimatiċi ***diversifikati tagħhom*** u fuq stima tal-kostefficjenza tal-varar ta' soluzzjonijiet ġeotermali; ***jappella għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri biex tintlaħaq iż-żieda annwali medja ta' tisħin u tkessiħ ġeotermali msemmija fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu tar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2023 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija*** |

| | |
|---|---|
| | ***minn sorsi rinnovabbli;*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jisħaq li l-miżuri nazzjonali u fl-UE kollha għall-enerġija ġeotermali għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-potenzjal ġeotermali tal-Ewropa, filwaqt li jitqiesu ***l-kundizzjonijiet ġeoloġiċi u klimatiċi*** diversi, u fuq stima tal-kosteffiċjenza tal-varar ta' soluzzjonijiet ġeotermali***;*** | 6. Jisħaq li l-miżuri nazzjonali u fl-UE kollha għall-enerġija ġeotermali għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-potenzjal ġeotermali tal-Ewropa, filwaqt li jitqiesu ***r-riżorsi ġeotermali mhux profondi u profondi, il-ġebel sottostanti, il-fluwidi ġeotermali anke fi ħdan żoni maġenbhom*** diversi, u fuq stima tal-kosteffiċjenza***, ir-riskji finanzjarji, il-CapEx u l-OpEX*** tal-varar ta' soluzzjonijiet ġeotermali ***f'kundizzjonijiet klimatiċi differenti għat-tisħin u għat-tkessiħ biss u/jew il-produzzjoni tal-enerġija elettrika.*** |

Or. en

**Emenda 109**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. ifakkar li l-enerġija ġeotermali fil-fond teħtieġ investiment inizjali sostanzjali u, b'mod partikolari f'ċerti territorji, riskju sinifikanti li t-tħaffir ma jkunx sfruttat daqs kemm ippjanat, u li huwa għalhekk xieraq li l-iżvilupp tal-enerġija ġeotermali jiġi appoġġjat permezz ta' fondi ta' garanzija tar-riskju ġeoloġiku, li jkunu koperti minn*** |

***kontribuzzjonijiet privati u fondi pubbliċi sabiex ikopru l-biċċa l-kbira tal-ispiża tal-operazzjonijiet tat-tħaffir f'każ li ma tintlaħaqx ir-riżorsa;***

Or. fr

**Emenda 110**
**Beatrice Covassi, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq sejħiet speċifiċi, anke fil-qafas tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji tal-Enerġija Strateġiċi, biex tħeġġeġ proġetti pilota u kummerċjali li japplikaw l-enerġija ġeotermali fis-setturi tal-industrija u agroalimentari;*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. jissottolinja li dan l-appoġġ irid ikun akkumpanjat minn miżuri stretti biex jirregolaw il-prezzijiet tas-sħana ġeotermali u tal-elettriku sabiex tiġi żgurata l-viżibbiltà għall-investituri u prezz tal-bejgħ lill-konsumaturi finali li jirrifletti l-ispejjeż tal-produzzjoni; jissottolinja li dan l-appoġġ pubbliku jrid ikun akkumpanjat billi d-data miġbura matul it-tħaffir issir disponibbli għall-pubbliku fi żmien sena;*** |

Or. fr

**Emenda 112**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jilqa' s-sensibilizzazzjoni li qed tikber dwar l-enerġija ġeotermali fil-livell nazzjonali, kif ukoll l-appoġġ li qed jikber għaliha; ***jinnota li xi*** Stati Membri ***żviluppaw pjanijiet direzzjonali, miri u miżuri ta' politika ddedikati dwar l-enerġija ġeotermali***; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni dwar dawn il-miżuri u d-data biex jiġu appoġġjati l-politiki ġeotermali; ***iqis li dan jista' jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta'*** "alleanza ġeotermali"; | 7. Jilqa' s-sensibilizzazzjoni li qed tikber dwar l-enerġija ġeotermali fil-livell nazzjonali, kif ukoll l-appoġġ li qed jikber għaliha; ***iqis li l-inizjattivi nazzjonali mnedija mill-Polonja (Programm Pluriennali għall-Iżvilupp tal-Użu ta' Riżorsi Ġeotermali fil-Polonja - 2022), Franza (Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Enerġija Ġeotermali - 2023) u l-Ġermanja (L-Istrateġija għall-Enerġija Ġeotermali Ġermaniża 2022) jinkludu inizjattivi ta' politika konkreti, rilevanti u prattiċi li jistgħu jiġu applikati fi*** Stati Membri ***oħra***; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni dwar dawn il-miżuri u d-data biex jiġu appoġġjati l-politiki ġeotermali; ***jistieden lill-Kummissjoni toħloq*** "alleanza ġeotermali" ***biex tilħaq dan l-objettiv***; |

Or. en

**Emenda 113**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jilqa' s-sensibilizzazzjoni li qed tikber dwar l-enerġija ġeotermali fil-livell nazzjonali, kif ukoll l-appoġġ li qed jikber | 7. Jilqa' s-sensibilizzazzjoni li qed tikber dwar l-enerġija ġeotermali fil-livell nazzjonali, kif ukoll l-appoġġ li qed jikber |

| | |
|---|---|
| għaliha; jinnota li xi Stati Membri żviluppaw pjanijiet direzzjonali, miri u miżuri ta' politika ddedikati dwar l-enerġija ġeotermali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni dwar dawn il-miżuri u d-data biex jiġu appoġġjati l-politiki ġeotermali; iqis li dan jista' jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta' "alleanza ġeotermali"; | għaliha; jinnota li xi Stati Membri żviluppaw pjanijiet direzzjonali, miri u miżuri ta' politika ddedikati dwar l-enerġija ġeotermali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni dwar dawn il-miżuri u d-data biex jiġu appoġġjati l-politiki ġeotermali ***u biex jiġu promossi l-aħjar prattiki eżistenti***; iqis li dan jista' jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta' "alleanza ġeotermali"; |

Or. en

**Emenda 114**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tissimplifika b'mod sinifikanti l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti ġeotermali minħabba l-proċeduri ta' approvazzjoni twal, inklużi studji estensivi relatati mal-liġijiet tal-konverżazzjoni tan-natura, biex jiġu ffaċilitati l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti ġeotermali fuq skala kbira; jiġbed l-attenzjoni għall-possibbiltà li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti legali permezz ta' eżenzjonijiet temporanji mill-obbligi stabbiliti fil-liġijiet dwar il-protezzjoni tan-natura kif ukoll permezz ta' skadenzi proċedurali ambizzjużi, u għalhekk, li jitqassru l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 115**
**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***7a. Jesprimi tħassib dwar nuqqas notevoli ta' individwi kwalifikati tajjeb tul il-katina tal-valur kollha, u jissottolinja d-domanda dejjem tikber għal forza tax-xogħol proficjenti fil-futur, u għalhekk jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' investimenti sostanzjali fit-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol fis-settur ġeotermali;*** |

Or. ga

**Emenda 116**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***7a. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta linji gwida lill-Istati Membri għat-tħejjija ta' valutazzjonijiet ta' tisħin u tkessiħ komprensivi u ta' pjanijiet lokali għat-tisħin u t-tkessiħ kif meħtieġ skont id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (UE) 2023/1791 inkluż kif potenzjal ġeotermali possibbli huwa vvalutat u pproċessat;*** |

Or. en

**Emenda 117**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***7a. jesprimi dispjaċir, madankollu, li l-appoġġ pubbliku għas-settur ġeotermali jvarja skont l-ispejjeż ta' sorsi oħra tal-*** |

***energiġija bħall-gass naturali, filwaqt li l-karatteristiċi inerenti għall-enerġija ġeotermali, minħabba investimenti sinifikanti, jirrikjedu appoġġ pubbliku fit-tul biex jissaħħaħ is-settur;***

Or. fr

**Emenda 118**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***7a. Jenfasizza li t-tisħin u t-tkessiħ ġeotermali distrettwali (DHC) jistgħu jipprovdu enerġija rinnovabbli lokali, ta' karga bażika u flessibbli u protezzjoni minn prezzijiet tal-fjuwils fossili volatili u li qed jogħlew; jisħaq li t-tkessiħ distrettwali se jkun element importanti ta' adattament sostenibbli għat-tibdil fil-klima fil-bliet;*** |

Or. en

**Emenda 119**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***7a. Jinnota li r-reżistenza u l-biża' tal-pubbliku fir-rigward tal-isfruttament tal-enerġija ġeotermali tibqa' sfida: huwa konvint li ż-żamma ta' standards ambjentali għoljin u t-trasparenza, u l-evitar ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess jistgħu jgħinu biex tingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja;*** |

Or. en

**Emenda 120**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *7a.* ***Ifakkar li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin fi proġetti ġeotermali, kif ukoll l-evitar ta' kunflitti ta' interess huma importanti biex jiġu inklużi l-komunitajiet lokali;*** |

Or. en

**Emenda 121**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *7a.* ***Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas biex tinċentiva n-networks ta' tisħin u ta' tkessiħ ġeotermali tar-raba' u l-ħames ġenerazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 122**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***7b. Jirrikonoxxi, min-naħa l-oħra, li t-tħassib tal-pubbliku dwar emissjonijiet diretti u indiretti u konsegwenzi ambjentali u tas-saħħa ta' proġetti ġeotermali huma f'ħafna każijiet kompletament iġġustifikati minħabba evidenza xjentifika u sejbiet disponibbli f'letteratura eżistenti li jirrimarkaw li:***

***– emissjonijiet ta' gassijiet diretti u indiretti tal-impjanti tal-enerġija u tal-ħamrija (inklużi Gassijiet Mhux Kondensabbli) u partiċelli fini, li fihom fost l-oħrajn: metalli tqal, ammonijaka, ożonu, ossidu tal-kubrit, sulfur tal-idroġenu, merkurju, arseniku, radon, idroġenu, metan u gassijiet li jibdlu l-klima tad-diossidu tal-karbonju;***

***– kontaminazzjoni tal-ilma ħelu;***

***– sfruttament żejjed tal-ilma ta' taħt l-art, inkluż l-ammont ta' ilma meħtieġ fi proċessi ta' injezzjoni mill-ġdid biex jikkompensaw it-tnaqqis fil-volum ta' fluwidi ġeotermali sfruttati u mkessħin;***

***– ċediment u/jew siżmiċità speċifika għas-sit ikkawżata jew miżjuda.***

***Barra minn hekk, l-emissjonijiet antropoġeniċi minħabba l-attività ġeotermali ta' ħafna sustanzi potenzjalment ta' ħsara li hemm f'emissjonijiet ġeotermali ma humiex ivvalutati minn qabel u/jew ma humiex immonitorjati regolarment jew qatt.***

Or. en

**Emenda 123**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. jissottolinja l-ħtieġa li jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki fil-qasam tal-*** |

***energiġija ġeotermali, mhux biss fost l-Istati Membri iżda wkoll ma' pajjiżi terzi li żviluppaw energiġija ġeotermali fil-fond u tal-wiċċ fuq skala akbar; jinnota li settur ġeotermali Ewropew rikonoxxut internazzjonalment ikun ukoll mezz effettiv ta' esportazzjoni tal-għarfien tagħna sabiex jissaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku tal-kontinent u jiġi miġġieled it-tisħin globali; jitlob li dawn it-teknoloġiji jkunu disponibbli mingħajr ħlas għall-istati tan-Nofsinhar Globali, meta jitqies b'mod partikolari li l-energiġija ġeotermali ma tistax tiġi esportata;***

Or. fr

**Emenda 124**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Jinnota li filwaqt li hemm 289 sistema ġeotermali ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali fl-UE u madwar 14-il sistema ġdida jibdew joperaw kull sena, bħala medja s-sehem tal-enerġija ġeotermali ipprovduta għadu sfortunatament wieħed baxx; jesprimi tħassib dwar il-fatt li ta' spiss ħafna l-iżvilupp ta' proġetti ġeotermali huwa prevenut jew imdewwem b'mod sinifikanti min-nuqqas ta' networks żviluppati; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata koordinazzjoni bejn il-kumpaniji tal-enerġija u l-awtoritajiet lokali biex b'mod konġunt jippjanaw, jinvestu u jimmaniġġjaw networks ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali;*** |

Or. en

**Emenda 125**

**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħti lill-metodi ta' tisħin u ta' tkessiħ rinnovabbli, bħall-enerġija ġeotermali, eżenzjoni mir-regolamenti ta' akkwist tal-UE simili għal dik diġà stabbilita għall-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli; jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' miżuri addizzjonali, bħall-eżenzjoni ta' servizzi speċifiċi bħall-provvista u l-kostruzzjoni mir-rekwiżit ta' sejħiet għal offerti fl-UE kollha, kieku tħaffef il-proġetti b'mod sinifikanti;*** |

Or. en

**Emenda 126**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Ifakkar lill-Istati Membri biex jistabbilixxu mira indikattiva għat-teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli innovattiva ta' mill-inqas 5 % ta' kapaċità tal-enerġija rinnovabbli installata ġdida sal-2030, għall-implimentazzjoni tal-aġenda Strateġika għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-pjattaforma Ewropea tat-teknoloġija u l-Innovazzjoni dwar is-settur ġeotermali u l-Grupp ta' Ħidma ta' implimentazzjoni dwar is-settur ġeotermali tal-Pjan Strateġiku Ewropew ta' Implimentazzjoni tal-Pjan għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET);*** |

Or. en

**Emenda 127**
**Niels Fuglsang, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Jinnota li d-Direttiva riveduta dwar l-Effiċjenza Enerġetika tintroduċi obbligu għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-enerġija taċ-ċentri tad-data, u li l-enerġija ġeotermali tista' tipprovdi tkessiħ attiv u passiv effiċjenti liċ-ċentri tad-data f'bini pubbliku, kummerċjali u indistrijali kbir b'domanda għat-tkessiħ sinifikanti; jistieden lill-Istati Membri jqisu dan il-potenzjal meta jimplimentaw id-Direttiva riveduta dwar l-Effiċjenza Enerġetika;*** |

Or. en

**Emenda 128**
**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Jirrikonoxxi l-valur tal-għarfien espert u l-isfond tal-professjonisti attwalment impjegati fl-industrija tas-servizzi taż-żejt u l-gass għas-settur ġeotermali;*** |

Or. ga

**Emenda 129**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7c.	It-tħassib u l-biżgħat tal-pubbliku jistgħu jkomplu jissaħħu minn:*** |
| | ***– nuqqas ta' trasparenza ta' operazzjonijiet ta' sfruttament ġeotermali profond;*** |
| | ***– sejbiet jew interpretazzjonijiet kunfliġġenti fi studji ta' valutazzjoni u rapporti ta' monitoraġġ anke minħabba n-nuqqas ta' metodoloġiji LCA xierqa ġeotermali speċifiċi u armonizzati;*** |
| | ***– nuqqas ta' monitoraġġ, ġbir u rapportar ta' data ambjentali, jew metodoloġiji ta' ġbir tad-data mhux uniformi u/jew armonizzati;*** |

Or. en

**Emenda 130**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7c.	Jilqa' l-għadd dejjem jikber ta' proġetti li jinvolvu l-konverżjoni ta' infrastruttura DHC diġà eżistenti f'DHC bbażata fuq il-ġeotermali; jenfasizza b'mod partikolari l-potenzjal tal-konverżjonijiet ta' hawn fuq, f'pajjiżi Ewropej Ċentrali u tal-Lvant, fejn dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-politiki ta' dekarbonizzazzjoni; jisħaq li dawn l-azzjonijiet għandhom jingħataw prijorità fil-Fondi ta' Modernizzazzjoni, tat-Tranżizzjoni Ġusta u ta' Koeżjoni;*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7c. ifakkar li l-akbar ostaklu għall-enerġija ġeotermali huwa l-amortizzazzjoni ta' investiment inizjali sostanzjali flimkien mar-riskju li t-tħaffir ma jirriżultax f'sors tal-enerġija li jista' jiġi sfruttat bis-sħiħ; jitlob, għal dan l-għan, li r-reġim applikabbli għall-għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-enerġija ġeotermali jiġi llaxkat sabiex jitħaffu l-miżuri ta' appoġġ pubbliku għas-settur;*** |

Or. fr

**Emenda 132**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7d. Jirrimarka il-fatt li prestazzjonijiet ambjentali u l-impatti tal-isfruttament tal-enerġija ġeotermali fuq is-saħħa tal-bniedem jistgħu jvarjaw ħafna, minn "kważi żero" għal riżorsi mhux profondi għal ħsarat potenzjali sinifikanti għall-isfruttament ta' riżorsi profondi, skont it-teknoloġiji ġeotermali profondi speċifiċi użati, id-densità tal-popolazzjoni, il-preżenza ta' żoni industrijali u residenzjali, ġebel taħt l-art u karatteristiċi tal-fluwidi ġeotermali. Għalhekk id-diversità u l-partikolarità ta' kull żona, anke fi ħdan żoni ġeografikament qrib xulxin, għandhom jiġu evalwati b'reqqa u kif xieraq abbażi kemm ta' metodoloġiji LCA eżistenti adattati kif ukoll metodoloġiji LCA xierqa*** |

***ġeotermali speċifiċi, inkluża l-valutazzjoni minn qabel tal-ħamrija, l-arja u l-isfond ġeokimiku tal-ilma ħelu, segwita mill-monitoraġġ tal-linja bażi ġeokimika li tirriżulta wara l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ġeotermali profondi;***

Or. en

**Emenda 133**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *7d.* ***jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tas-settur pubbliku fl-isfruttament tas-sottoswol Ewropew sabiex titqies aħjar id-dimensjoni strateġika ħafna tas-setturi tal-estrazzjoni minerarja u ġeotermali u biex jiġu limitati l-impatti negattivi potenzjali tal-isfruttament tagħhom; iqis li l-ħolqien ta' servizz pubbliku għall-estrazzjoni mill-minjieri u l-estrazzjoni ġeotermali jippermetti l-aħjar żvilupp ta' dawn is-setturi;*** |

Or. fr

**Emenda 134**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *7d.* ***Jiġbed l-attenzjoni li ftit mill-proġetti DHC ġeotermali reċenti kienu implimentati b'mudelli ta' negozju ġodda li jippermettu lill-kumpaniji privati, inklużi kumpaniji tal-utilitajiet, jibnu infrastruttura pubblika f'isem awtoritajiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***lokali; jistieden lill-Istati Membri jesploraw possibbiltajiet regolatorji innovattivi sabiex jitrawwem l-iżvilupp ġeotermali ta' DHC ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 135**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *7e.* ***jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kollha fis-settur ġeotermali, u b'mod partikolari ċ-ċentri ta' riċerka tas-sottoswol, it-trade unions u r-rappreżentanti eletti lokali, fit-tfassil ta' pjan direzzjonali dwar l-iżvilupp tas-settur fl-Ewropa sabiex tiġi implimentata politika dwar l-enerġija ġeotermali li tirrispetta l-ambjent u tiżgura l-aħjar kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema;*** |

Or. fr

**Emenda 136**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. ***Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha*** disponibbli ***għall-pubbliku***; jinnota ***li dan għandu jinkiseb*** | 8. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu li jagħmlu data li hija proprjetà privata (bħal minn kumpaniji taż-żejt, tal-gass, tal-estrazzjoni minerarja u ta' konsulenza ta' partijiet terzi)*** disponibbli ***u mingħajr ħlas fi ħdan perjodu ta' żmien speċifiku (bħal fi żmien*** |

| | |
|---|---|
| f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, ***u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati***; | ***sentejn) u perjodu ta' żmien iqsar għal data ffinanzjata pubblikament (bħal sena) għal żviluppaturi ta' proġetti***; jinnota ***f'dan ir-rigward li l-ħidma li wettaq il-gvern Norveġiż fit-trattament ta' data minn attivitajiet lil hinn mill-kosta hija eżempju siewi; jisħaq li, minħabba l-importanza tal-aċċessibbiltà tad-data għall-iżvilupp tas-settur, għandha titqies l-inklużjoni ta' multi f'każ li ma tiġix irrispettata l-kondiviżjoni tad-data fi ħdan l-iskadenzi speċifikati; jissottolinja li l-kondiviżjoni tad-data għandha tinkiseb*** f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, ***inklużi d-drittijiet tal-awtur u l-protezzjoni tal-għarfien***; |

Or. en

**Emenda 137**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati; | 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku***, filwaqt li jinnotaw l-eżistenza u l-benefiċċji tal-użu ta' formati diġitali biex jiġbru u jagħmlu d-data dwar is-sottosuperfiċe disponibbli għall-pubbliku, li għandha titqies l-aħjar prattika għall-Istati Membri***; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet |

| | |
|---|---|
| | privati; |

Or. en

**Emenda 138**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data***, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati***; | 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data; |

Or. fr

**Emenda 139**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u | 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku ***biex tiġi żviluppata aktar il-bażi tad-data ġeoloġika bażika***; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità***, inklużi d-drittijiet tal-*** |

| | |
|---|---|
| kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati; | ***awtur u l-protezzjoni tal-għarfien,*** u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati; |

Or. en

**Emenda 140**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data***, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati***; | 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data; |

Or. en

**Emenda 141**
**Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u | 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u |

| | |
|---|---|
| jagħmluha disponibbli għall-pubbliku***;*** jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati; | jagħmluha disponibbli għall-pubbliku ***permezz ta' pjattaformi webGIS apposta, filwaqt li*** jinnota ***fl-istess waqt*** li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati; |

Or. it

**Emenda 142**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati; | 8. Iħeġġeġ ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità ***meħtieġa*** u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati; |

Or. en

**Emenda 143**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi | 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi |

differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati;

differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, ***id-drittijiet tal-awtur/is-sjieda,*** u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati;

Or. en

**Emenda 144**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità ***u r-regoli*** dwar il-protezzjoni tad-data, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati; | 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità***, ir-regoli*** dwar il-protezzjoni tad-data, ***kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà*** u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati; |

Or. en

**Emenda 145**
**Markus Pieper**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***jesploraw metodi għall-ġbir ta' tipi differenti ta' data ġeoloġika minn entitajiet pubbliċi u privati bil-għan li jorganizzawha, jissistematizzawha u jagħmluha*** disponibbli ***għall-pubbliku; jinnota li dan għandu jinkiseb f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u, meta jkun meħtieġ, għandu jinkludi inċentivi u kumpens għall-kondiviżjoni tad-data minn entitajiet privati***; | 8. ***Jistieden lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri ***jqisu li jagħmlu data li hija proprjetà privata (bħal minn kumpaniji taż-żejt, tal-gass, tal-estrazzjoni minerarja u ta' konsulenza ta' partijiet terzi)*** disponibbli ***jekk id-data ma tintużax għal proġett ġeotermali fi ħdan perjodu ta' żmien speċifiku (bħal fi żmien sentejn) u perjodu ta' żmien iqsar għal data ffinanzjata pubblikament (bħal sena) għal żviluppaturi ta' proġetti***; |

Or. en

**Emenda 146**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jinnota li n-nuqqas ta' aċċess faċli għal data dwar is-sottosuperfiċe bħalissa huwa ostaklu importanti għat-tneħħija tar-riskji u għalhekk il-varar malajr ta' proġetti ta' enerġija ġeotermali; jissottolinja li aċċess faċli u ekwu għad-data dwar is-sottosuperfiċe fl-Istati Membri huwa kruċjali għall-fażi ta' evalwazzjoni tal-proġett; iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tesplora l-benefiċċji u l-ostakli għall-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-għoti ta' aċċess għad-data dwar is-sottosuperfiċe; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara l-ġbir tad-data dwar is-sottosuperfiċe u r-regoli ta' aċċess kemm għall-entitajiet pubbliċi kif ukoll privati, filwaqt li tqis ir-rwol kruċjali tad-data fit-tnaqqis ta' riskji ta' proġetti u tiżgura l-kompetittività ta' proġetti ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 147**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. jissottolinja l-ħtieġa ta' għarfien aħjar tal-karatteristiċi tas-sottoswol sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal ġeotermali u tal-minjieri tal-kontinent bl-għan li tissaħħaħ is-sovranità Ewropea; jitlob, għal dan l-għan, li d-data miksuba minn kwalunkwe sfruttament tas-sottoswol issir pubblika fi żmien sena sabiex jinkiseb immappjar sħiħ tas-sottoswol Ewropew; jissottolinja li kemm l-enerġija ġeotermali kif ukoll sorsi oħra ta' sfruttament bħax-xogħlijiet pubbliċi u s-settur tal-minjieri jridu jintużaw bħala lievi għall-immappjar tas-sottoswol tagħna;*** |

Or. fr

**Emenda 148**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jinnota li wieħed mill-isfidi ewlenin għall-varar malajr tal-enerġija ġeotermali huwa n-nuqqas ta' aċċess għal data ġeoloġika diġà eżistenti minħabba l-kostijiet għoljin, nuqqas ta' trasparenza u politiki ta' kondiviżjoni tad-data frammentati fl-Istati Membri; jissottolinja wkoll li dan in-nuqqas ta' aċċess għad-data jipprevjeni lix-xjenzati milli joħolqu*** |

| | |
|---|---|
| | ***mudelli ġeoloġiċi li huma essenzjali biex ibassru l-potenzjal u r-rendiment tal-enerġija ġeotermali f'żona tas-sottosuperfiċe partikolari u għalhekk huma kruċjali biex inaqqsu l-inċertezza għall-iżviluppaturi tal-proġetti;*** |

Or. en

**Emenda 149**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jinnota li l-aċċess faċli għad-data permezz ta' formati disponibbli għall-pubbliku u diġitalizzati jista' jneħħi r-riskji tal-investimenti fi proġetti tal-enerġija ġeotermali; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jarmonizzaw il-leġiżlazzjoni li tagħti aċċess għad-data dwar is-sottosuperfiċe kemm għall-atturi privati kif ukoll dawk pubbliċi;*** |

Or. en

**Emenda 150**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8b. jinsab imħasseb dwar nuqqas kroniku ta' investiment mill-Istati Membri tal-entitajiet inkarigati mill-istudji tas-sottoswol; jistieden lill-Istati Membri jħallsu aħjar lill-ħaddiema fis-settur ġeotermali sabiex tiżdied l-attraenza tal-okkupazzjonijiet u b'hekk jiġu ssodisfati l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ħtiġijiet tax-xogħol tas-settur, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat;*** |

Or. fr

**Emenda 151**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8b. Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni tadotta qafas legali li jagħmel il-ġbir u l-kondiviżjoni ta' data ġeoloġika (inkluż minn bjar taż-żejt, tal-gass u tal-faħam dekummissjonati) obbligatorji, mingħajr ħlas, faċilment aċċessibbli u tkun tinsab f'portal ċentralizzat fil-livell tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 152**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8c. Jisħaq li l-valutazzjoni tal-varar tal-enerġija ġeotermali fl-Ewropa hija diffiċli ħafna minħabba n-nuqqas ta' standards għar-rappurtar tad-data tal-industrija; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tqis li toħloq standards għar-rappurtar tad-data tal-industrija f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-industriji, l-istituti tar-riċerka, l-universitajiet; jinnota li data aċċessibbli u standardizzata*** |

| | |
|---|---|
| | ***se ttejjeb b'mod sinifikanti l-użu ta' data transfruntiera u l-possibbiltà li jintużaw sistemi ta' apprendiment awtomatiku tal-IA differenti fuq din id-data standardizzata;*** |

Or. en

**Emenda 153**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8d. Jenfasizza l-importanza li d-data ssir disponibbli minn networks ta' tisħin distrettwali eżistenti, inkluż il-livell ta' modernizzazzjoni u ta' domanda għas-sħana, lill-partijiet ikkonċernati ġeotermali fl-Ewropa kollha; jissottolinja li din id-data hija kruċjali biex jiġi evalwat il-potenzjal ta' reġjun u biex ikun hemm involviment mal-awtoritajiet lokali matul l-istadji inizjali ta' proġett;*** |

Or. en

**Emenda 154**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jisħaq li ***għal żoni*** li m'għandhomx biżżejjed data dwar is-sottosuperfiċe, il-gvernijiet jista' jkollhom rwol fil-finanzjament tal-immappjar tar-riżorsi ġeotermali u t-tħaffir esploratorju; jilqa' l-fatt li xi Stati Membri diġà ħadu passi f'din | 9. Jisħaq li ***f'żoni*** li m'għandhomx biżżejjed data dwar is-sottosuperfiċe, il-gvernijiet jista' jkollhom rwol fil-finanzjament tal-immappjar tar-riżorsi ġeotermali u t-tħaffir esploratorju; ***jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri*** |

| | |
|---|---|
| id-direzzjoni; jappella biex il-finanzjament tal-UE jappoġġja dan il-ġbir ta' data bil-għan ***li jinħoloq*** atlas tal-UE kollha ***tal-potenzjal*** ġeotermali; | ***b'data dwar is-sottosuperfiċe insuffiċjenti biex jiffinanzjaw l-immappjar tar-riżorsi u t-tħaffir esploratorju, b'mod speċjali għall-SMEs, biex jiġi stabbilit potenzjal ġeotermali; jinnota li dan għandu jinkludi data dwar is-sottosuperfiċe sa 200 metru fuq terminu qasir u data sa 400 metru fuq terminu medju;*** jilqa' l-fatt li xi Stati Membri diġà ħadu passi f'din id-direzzjoni; jappella biex il-finanzjament tal-UE jappoġġja dan il-ġbir ta' data bil-għan ***li jespandi u jsaħħaħ ix-xogħol tal-proġett iffinanzjat mill-UE EGDI, li għandu l-għan li joħloq*** atlas tal-UE kollha ***tar-riżorsi*** ġeotermali; |

Or. en

**Emenda 155**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jisħaq li għal żoni li m'għandhomx biżżejjed data dwar is-sottosuperfiċe, ***il-gvernijiet*** jista' jkollhom rwol fil-finanzjament tal-immappjar tar-riżorsi ġeotermali u t-tħaffir esploratorju; jilqa' l-fatt li xi Stati Membri diġà ħadu passi f'din id-direzzjoni; jappella biex il-finanzjament tal-UE jappoġġja dan il-ġbir ta' data bil-għan li jinħoloq atlas tal-UE kollha tal-potenzjal ġeotermali; | 9. Jisħaq li għal żoni li m'għandhomx biżżejjed data dwar is-sottosuperfiċe, ***hemm rwol għall-Kummissjoni Ewropea biex tarmonizza r-regoli tal-ġbir tad-data; jisħaq fuq il-fatt li l-gvernijiet*** jista' jkollhom rwol fil-finanzjament tal-immappjar tar-riżorsi ġeotermali u t-tħaffir esploratorju; jilqa' l-fatt li xi Stati Membri diġà ħadu passi f'din id-direzzjoni; jappella biex il-finanzjament tal-UE jappoġġja dan il-ġbir ta' data bil-għan li jinħoloq atlas tal-UE kollha tal-potenzjal ġeotermali; |

Or. en

**Emenda 156**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jisħaq li għal żoni li m'għandhomx biżżejjed data dwar is-sottosuperfiċe, il-gvernijiet jista' jkollhom rwol fil-finanzjament tal-immappjar tar-riżorsi ġeotermali u t-tħaffir esploratorju; jilqa' l-fatt li xi Stati Membri diġà ħadu passi f'din id-direzzjoni; jappella biex il-finanzjament tal-UE jappoġġja dan il-ġbir ta' data bil-għan li jinħoloq atlas tal-UE kollha tal-potenzjal ġeotermali; | 9. Jisħaq li għal żoni li m'għandhomx biżżejjed data dwar is-sottosuperfiċe, il-gvernijiet jista' jkollhom rwol fil-finanzjament tal-immappjar tar-riżorsi ġeotermali u t-tħaffir esploratorju; jilqa' l-fatt li xi Stati Membri diġà ħadu passi f'din id-direzzjoni; jappella biex il-finanzjament tal-UE jappoġġja dan il-ġbir ta' data bil-għan li jinħoloq atlas tal-UE kollha tal-potenzjal ġeotermali***, b'mod partikolari għall-potenzjal ġoetermali tas-superfiċe, li hija l-għażla l-aktar skalabbli***; |

Or. en

**Emenda 157**
**Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jisħaq li għal żoni li m'għandhomx biżżejjed data dwar is-sottosuperfiċe, il-gvernijiet jista' jkollhom rwol fil-finanzjament tal-immappjar tar-riżorsi ġeotermali u t-tħaffir esploratorju; jilqa' l-fatt li xi Stati Membri diġà ħadu passi f'din id-direzzjoni; jappella biex il-finanzjament tal-UE jappoġġja dan il-ġbir ta' data bil-għan li jinħoloq atlas tal-UE kollha tal-potenzjal ġeotermali; | 9. Jisħaq li għal żoni li m'għandhomx biżżejjed data dwar is-sottosuperfiċe, il-gvernijiet jista' jkollhom rwol fil-finanzjament tal-immappjar tar-riżorsi ġeotermali u t-tħaffir esploratorju; jilqa' l-fatt li xi Stati Membri diġà ħadu passi f'din id-direzzjoni; jappella biex il-finanzjament tal-UE jappoġġja dan il-ġbir ta' data bil-għan li jinħoloq atlas tal-UE kollha tal-potenzjal ġeotermali ***kemm għall-kondizzjonament tal-arja (Geoexchange) kif ukoll għall-produzzjoni tal-enerġija***; |

Or. it

**Emenda 158**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jisħaq li għal żoni li m'għandhomx biżżejjed data dwar is-sottosuperfiċe, il-gvernijiet jista' jkollhom rwol fil-finanzjament tal-immappjar tar-riżorsi ġeotermali u t-tħaffir esploratorju; jilqa' l-fatt li xi Stati Membri diġà ħadu passi f'din id-direzzjoni; jappella biex il-finanzjament tal-UE jappoġġja dan il-ġbir ta' data bil-għan li jinħoloq atlas tal-UE kollha tal-potenzjal ġeotermali; | 9. Jisħaq li għal żoni li m'għandhomx biżżejjed data dwar is-sottosuperfiċe, il-gvernijiet jista' jkollhom rwol fil-finanzjament tal-immappjar tar-riżorsi ġeotermali u t-tħaffir esploratorju; jilqa' l-fatt li xi Stati Membri diġà ħadu passi f'din id-direzzjoni; jappella biex il-finanzjament tal-UE jappoġġja dan il-ġbir ta' data bil-għan li jinħoloq atlas tal-UE kollha tal-potenzjal ġeotermali***, b'mod partikolari għal proġetti ġeotermali tas-superfiċe***; |

Or. en

**Emenda 159**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza l-potenzjal ġeotermali ta' bjar taż-żejt u tal-gass inattivi adattati għal skopijiet differenti; jistieden lill-Istati Membri biex***, f'kooperazzjoni mal-kumpaniji taż-żejt u tal-gass,*** jipproduċu mapep disponibbli għall-pubbliku ta' bjar dekummissjonati bl-ispeċifikazzjonijiet tagħhom; | 10. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt li ma ġiex esplorat il-potenzjal tal-użu mill-ġdid ta' bjar taż-żejt u tal-gass eżistenti f'riżervi tal-idrokarburi eżawriti, abbandunati jew li m'għadhomx jintużaw għal applikazzjonijiet ġeotermali;*** jenfasizza l-potenzjal ġeotermali ta' bjar taż-żejt u tal-gass inattivi adattati għal skopijiet differenti***, b'mod speċjali għal territorji li jeħtieġu tranżizzjoni minn taħlita tal-enerġija dipendenti ħafna minn enerġiji fossili***; jistieden lill-Istati Membri biex jipproduċu mapep disponibbli għall-pubbliku ta' bjar dekummissjonati bl-ispeċifikazzjonijiet tagħhom; ***jappella wkoll li jkun hemm tnaqqis gradwali bikri ta' tali bjar li għadhom jiffunzjonaw li jkunu adattati biex jintużaw għal skop*** |

| | |
|---|---|
| | ***ġdid, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' responsabbiltà u obbligi fuq l-operatur preċedenti;*** |

Or. en

**Emenda 160**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza l-potenzjal ġeotermali ta' bjar taż-żejt u tal-gass inattivi adattati għal skopijiet differenti; jistieden lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mal-kumpaniji taż-żejt ***u*** tal-gass, jipproduċu mapep disponibbli għall-pubbliku ta' bjar dekummissjonati bl-ispeċifikazzjonijiet tagħhom; | 10. Jenfasizza l-potenzjal ġeotermali ta' bjar taż-żejt u tal-gass inattivi adattati għal skopijiet differenti ***biex jitnaqqsu d-dipendenzi minn importazzjonijiet ta' gass Russu (bħal-LNG) u ssir il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima***; jistieden lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mal-kumpaniji taż-żejt***,*** tal-gass ***u tal-estrazzjoni minerarja***, jipproduċu mapep disponibbli għall-pubbliku ta' bjar dekummissjonati bl-ispeċifikazzjonijiet tagħhom; |

Or. en

**Emenda 161**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza l-potenzjal ġeotermali ta' bjar taż-żejt u tal-gass inattivi adattati għal skopijiet differenti; jistieden lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni ***mal-kumpaniji*** taż-żejt u tal-gass, jipproduċu mapep disponibbli għall-pubbliku ta' bjar dekummissjonati bl-ispeċifikazzjonijiet | 10. Jenfasizza l-potenzjal ġeotermali ta' bjar taż-żejt u tal-gass inattivi ***u ta' minjieri inattivi*** adattati għal skopijiet differenti; jistieden lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni ***mal-operaturi tal-bjar*** taż-żejt u tal-gass ***u ta' minjieri inattivi***, jipproduċu mapep disponibbli għall- |

| | |
|---|---|
| tagħhom; | pubbliku ta' bjar dekummissjonati bl-ispeċifikazzjonijiet tagħhom ***u l-potenzjal ġeotermali ta' minjieri inattivi***; |

Or. en

**Emenda 162**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu l-esplorazzjoni ġeotermali meta jwettqu l-programm nazzjonali tagħhom għall-esplorazzjoni ġenerali ta' materja prima kritika bħala parti mill-Att dwar il-Materja Prima Kritika; jitlob li kwalunkwe data li tittieħed minn dan il-programm ta' esplorazzjoni tiżdied mal-bażi tad-data ġeoloġika tal-UE kollha;*** |

Or. en

**Emenda 163**
**Christophe Grudler, Klemen Grošelj, Morten Petersen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-natura frammentata tal-istatistika dwar l-enerġija ġeotermali; jistieden lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mal-industrija u l-Kummissjoni, jirrevedu l-proċeduri eżistenti għall-ġbir tad-data għall-enerġija ġeotermali u jirreplikaw l-aħjar prattiki fis-settur; | 11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-natura frammentata tal-istatistika dwar l-enerġija ġeotermali; jistieden lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mal-industrija u l-Kummissjoni, jirrevedu l-proċeduri eżistenti għall-ġbir tad-data għall-enerġija ġeotermali u jirreplikaw l-aħjar prattiki fis-settur; ***jenfasizza r-rilevanza tas-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Art ta' Copernicus (CLMS), li jista'*** |

| | |
|---|---|
| | ***jipprovdi data tat-temperatura tal-art affidabbli, li hija utli b'mod partikolari għall-enerġija ġeotermali tas-superfiċe.*** |

Or. en

**Emenda 164**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-natura frammentata tal-istatistika dwar l-enerġija ġeotermali; jistieden lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mal-industrija u l-Kummissjoni, jirrevedu l-proċeduri eżistenti għall-ġbir tad-data għall-enerġija ġeotermali u jirreplikaw l-aħjar prattiki fis-settur; | 11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-natura frammentata tal-istatistika dwar l-enerġija ġeotermali; jistieden lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mal-industrija u l-Kummissjoni, jirrevedu l-proċeduri eżistenti għall-ġbir tad-data ***u għall-aċċess*** għall-enerġija ġeotermali u jirreplikaw l-aħjar prattiki fis-settur; |

Or. en

**Emenda 165**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-natura frammentata tal-istatistika dwar l-enerġija ġeotermali; jistieden lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mal-industrija u l-Kummissjoni, jirrevedu l-proċeduri eżistenti għall-ġbir tad-data għall-enerġija ġeotermali u jirreplikaw l-aħjar prattiki fis-settur; | 11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-natura frammentata tal-istatistika dwar l-enerġija ġeotermali; jistieden lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mal-industrija u l-Kummissjoni, jirrevedu l-proċeduri eżistenti għall-ġbir tad-data ***u għall-aċċess*** għall-enerġija ġeotermali u jirreplikaw l-aħjar prattiki fis-settur; |

Or. en

**Emenda 166**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jenfasizza l-importanza li d-data ssir disponibbli għal atturi tal-enerġija ġeotermali fuq networks ta' tisħin distrettwali eżistenti, inkluż il-livell ta' modernizzazzjoni u ta' domanda għas-sħana, fl-Ewropa kollha; jissottolinja li l-atturi jeħtieġu din id-data biex jevalwaw il-potenzjal ta' reġjun u biex jedukaw djalogi u involviment mal-amministrazzjoni lokali matul l-istadji inizjali ta' proġett;*** |

Or. en

**Emenda 167**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jieħu nota li reġistru aktar dettaljat ta' potenzjal tal-enerġija ġeotermali jipprevali fuq sorsi tas-sħana lokali u jappoġġja l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet tat-tisħin u t-tkessiħ lokali kif meħtieġ skont id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (UE) 2023/1791;*** |

Or. en

**Emenda 168**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11b. Jisħaq li d-disponibbiltà ta' data tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali eżistenti għall-investituri tista' tgħin biex tappoġġja lill-atturi lokali jevalwaw il-potenzjal tal-enerġija ġeotermali fil-qasam lokali; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita u tikkoordina dik id-disponibbiltà tad-data tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali eżistenti;*** |

Or. en

**Emenda 169**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Itenni li l-inċertezza dwar ir-riżorsi tas-sottosuperfiċe tagħmilha diffiċli li jiġi żgurat il-finanzjament għall-proġetti; jistieden lill-Istati Membri jesploraw soluzzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskji li jkunu xierqa għall-maturità tas-swieq lokali tagħhom (għotjiet, self konvertibbli f'għotjiet, garanziji appoġġjati mill-Istat), kif ukoll il-benefiċċji potenzjali ta' skema ta' mitigazzjoni tar-riskji fl-UE kollha; | 12. Itenni li l-inċertezza dwar ir-riżorsi tas-sottosuperfiċe tagħmilha diffiċli li jiġi żgurat il-finanzjament għall-proġetti; jistieden lill-Istati Membri jesploraw soluzzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskji li jkunu xierqa għall-maturità tas-swieq lokali tagħhom (għotjiet, self konvertibbli f'għotjiet, garanziji appoġġjati mill-Istat), kif ukoll il-benefiċċji potenzjali ta' skema ta' mitigazzjoni tar-riskji fl-UE kollha ***b'appoġġ għall-programmi nazzjonali eżistenti li diġà jkopru parti sostanzjali tar-riskji***; ***jitlob li dawn il-mekkaniżmi ta' kopertura tar-riskji mhux biss jiġu appoġġjati minn fondi pubbliċi iżda wkoll minn kontribuzzjonijiet mis-settur privat, b'mod partikolari mill-industrija taż-żejt, li tista' tibbenefika minn dan il-mekkaniżmu biex tiżviluppa l-enerġija ġeotermali minħabba l-għarfien ġeoloġiku u tat-tħaffir tagħha;*** |

Or. fr

**Emenda 170**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Itenni li l-inċertezza dwar ir-riżorsi tas-sottosuperfiċe tagħmilha diffiċli li jiġi żgurat il-finanzjament għall-proġetti; jistieden lill-Istati Membri jesploraw soluzzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskji li jkunu xierqa għall-maturità tas-swieq lokali tagħhom (għotjiet, self konvertibbli f'għotjiet, garanziji appoġġjati mill-Istat), kif ukoll il-benefiċċji potenzjali ta' skema ta' mitigazzjoni tar-riskji fl-UE kollha; | 12. Itenni li l-inċertezza dwar ir-riżorsi tas-sottosuperfiċe tagħmilha diffiċli li jiġi żgurat il-finanzjament għall-proġetti***; jisħaq li l-fażi tal-proġett inizjali, bħall-fażi tal-esplorazzjoni u tal-kostruzzjoni, tirrikjedi ammont sinifikanti ta' investiment u riskji intraprenditorjali kbar li jxekklu l-investimenti***; jistieden lill-Istati Membri jesploraw soluzzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskji li jkunu xierqa għall-maturità tas-swieq lokali tagħhom (***data ġeoloġika mingħajr ħlas u aċċessibbli,*** għotjiet, self konvertibbli f'għotjiet, garanziji appoġġjati mill-Istat), kif ukoll il-benefiċċji potenzjali ta' skema ta' mitigazzjoni tar-riskji fl-UE kollha; ***jinnota, f'dan ir-rigward, li skema ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-UE tkun utli b'mod partikolari għall-inqas swieq maturi fis-settur ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 171**
**Markus Pieper**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Itenni li l-inċertezza dwar ir-riżorsi tas-sottosuperfiċe tagħmilha diffiċli li jiġi żgurat il-finanzjament għall-proġetti; jistieden lill-Istati Membri jesploraw | 12. Itenni li l-inċertezza dwar ir-riżorsi tas-sottosuperfiċe tagħmilha diffiċli li jiġi żgurat il-finanzjament għall-proġetti***; jisħaq li l-fażi tal-proġett inizjali, bħall-*** |

| | |
|---|---|
| soluzzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskji li jkunu xierqa għall-maturità tas-swieq lokali tagħhom (għotjiet, self konvertibbli f'għotjiet, garanziji appoġġjati mill-Istat), kif ukoll il-benefiċċji potenzjali ta' skema ta' mitigazzjoni tar-riskji fl-UE kollha; | ***fażi tal-esplorazzjoni u tal-kostruzzjoni, tirrikjedi ammont sinifikanti ta' investiment u riskji intraprenditorjali kbar li jxekklu l-investimenti***; jistieden lill-Istati Membri jesploraw soluzzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskji li jkunu xierqa għall-maturità tas-swieq lokali tagħhom (għotjiet, self konvertibbli f'għotjiet, garanziji appoġġjati mill-Istat), ***b'mod speċjali għall-fażijiet tal-esplorazzjoni u t-tħaffir,*** kif ukoll il-benefiċċji potenzjali ta' skema ta' mitigazzjoni tar-riskji fl-UE kollha; ***jinnota, f'dan ir-rigward, li skema ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-UE tkun utli b'mod partikolari fis-settur ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 172**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Itenni li l-inċertezza dwar ir-riżorsi tas-sottosuperfiċe tagħmilha diffiċli li jiġi żgurat il-finanzjament għall-proġetti; jistieden lill-Istati Membri jesploraw soluzzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskji li jkunu xierqa għall-maturità tas-swieq lokali tagħhom (għotjiet, self konvertibbli f'għotjiet, garanziji appoġġjati mill-Istat), kif ukoll il-benefiċċji potenzjali ta' skema ta' mitigazzjoni tar-riskji fl-UE kollha; | 12. ***Jinnota li l-kostruzzjoni ġeotermali u l-fażi ta' esplorazzjoni preċedenti jirrikjedu ammont sinifikanti ta' investiment u riskji intraprenditorjali kbar fil-fażi tal-proġett inizjali, li jxekklu l-investimenti;*** itenni li l-inċertezza dwar ir-riżorsi tas-sottosuperfiċe tagħmilha diffiċli li jiġi żgurat il-finanzjament għall-proġetti; jistieden lill-Istati Membri jesploraw soluzzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskji li jkunu xierqa għall-maturità tas-swieq lokali tagħhom (għotjiet, self konvertibbli ***li huwa konvertibbli*** f'għotjiet, garanziji appoġġjati mill-Istat***, mekkaniżmi ta' ħheġġjar, inkluża assigurazzjoni tal-esplorazzjoni***), kif ukoll il-benefiċċji potenzjali ta' skema ta' mitigazzjoni tar-riskji fl-UE kollha; |

Or. en

**Emenda 173**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Itenni li l-inċertezza dwar ir-riżorsi tas-sottosuperfiċe tagħmilha diffiċli li jiġi żgurat il-finanzjament għall-proġetti; jistieden lill-Istati Membri jesploraw soluzzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskji li jkunu xierqa għall-maturità ***tas-swieq*** lokali tagħhom ***(għotjiet, self konvertibbli f'għotjiet, garanziji appoġġjati mill-Istat)***, kif ukoll il-benefiċċji potenzjali ta' skema ta' mitigazzjoni tar-riskji fl-UE kollha; | 12. Itenni li l-inċertezza dwar ir-riżorsi tas-sottosuperfiċe tagħmilha diffiċli li jiġi żgurat il-finanzjament għall-proġetti; jistieden lill-Istati Membri jesploraw soluzzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskji li jkunu xierqa għall-maturità ***tas-suq*** lokali tagħhom***, bħall-għoti ta' aċċess faċli għad-data dwar is-sottosuperfiċe, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar tipi ġodda ta' mudelli tan-negozju li jippermettu sinerġiji bejn il-finanzjament pubbliku u privat***, kif ukoll il-benefiċċji potenzjali ta' skema ta' mitigazzjoni tar-riskji fl-UE kollha; |

Or. en

**Emenda 174**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jinnota li investiment fir-riċerka u l-iżvilupp ta' enerġija ġeotermali kien kompletament nieqes mill-fondi meta mqabbel ma' setturi oħra; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-investimenti fir-Riċerka u l-Iżvilupp għall-varar tas-suq, l-iżvilupp fuq skala kummerċjali ta' akwiferi u ta' teknoloġiji ta' ħżin taħt l-art oħra, l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-pompi*** |

| | |
|---|---|
| | ***affidabbli, tekniki ta' tħaffir ġodda, innovazzjoni tal-mudell tan-negozju biex jitnaqqsu l-kostijiet kapitali għoljin;*** |

Or. en

**Emenda 175**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jinnota l-potenzjal enormi li l-enerġija ġeotermali għandha bħala sors ta' enerġija lokali u b'kost baxx jekk il-kostijiet bil-quddiem u r-riskji jiġu mmitigati; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu gwida għal mudelli ta' finanzjament kif ukoll għal opportunitajiet ta' finanzjament privati u pubbliċi;*** |

Or. en

**Emenda 176**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12b. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi skema ta' assigurazzjoni tar-riskju finanzjarju Ewropea, fejn tali skemi ma humiex ipprovduti mill-Istati Membri, biex jipprovdu kopertura lill-awtoritajiet lokali, lil fornituri ta' akkomodazzjoni soċjali, lil awtoritajiet pubbliċi, lil negozji u lil żviluppaturi ta' proġetti ħalli jiġi ffaċilitat l-użu ta' enerġija ġeotermali kosteffettiva u jiġu*** |

***żgurati l-vijabbiltà u l-istabbiltà tal-proġetti; jinnota li din l-iskema tista' tiġi estiża għal pajjiżi ġirien biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika tagħhom;***

Or. en

**Emenda 177**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jesprimi tħassib li, filwaqt li l-pompi tas-sħana ġeotermali (GHPs) bħalissa huma l-aktar pompi tas-sħana effiċjenti, li jipproduċu aktar sħana għal inqas elettriku fi klimi kesħin meta mqabbla mal-pompi tas-sħana arja-arja, il-kostijiet inizjali ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni tagħhom għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli biex dan id-distakk jonqos; | 13. Jesprimi tħassib li, filwaqt li l-pompi tas-sħana ġeotermali (GHPs) bħalissa huma l-aktar pompi tas-sħana effiċjenti, li jipproduċu aktar sħana għal inqas elettriku fi klimi kesħin meta mqabbla mal-pompi tas-sħana arja-arja, il-kostijiet inizjali ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni tagħhom għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli biex dan id-distakk jonqos***, filwaqt li jitqies ukoll li l-użu tal-GHPs jirrappreżenta sinerġija ideali għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku, l-iżvilupp ta' distretti ta' tisħin u ta' tkessiħ, u komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli***; |

Or. en

**Emenda 178**
**Niels Fuglsang, Robert Hajšel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jesprimi tħassib li, ***filwaqt li l-*** | 13. Jesprimi tħassib li ***l-kostijiet*** inizjali |

| | |
|---|---|
| ***pompi tas-sħana ġeotermali (GHPs) bħalissa huma l-aktar pompi tas-sħana effiċjenti, li jipproduċu aktar sħana għal inqas elettriku fi klimi kesħin meta mqabbla mal-pompi tas-sħana arja-arja***, ***il-kostijiet*** inizjali ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni ***tagħhom*** għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla ***tagħhom***; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli ***biex*** dan id-distakk jonqos; | ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla ***ta' Pompi tas-sħana ġeotermali (GHPs)***; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli ***sabiex*** dan id-distakk jonqos; |

Or. en

**Emenda 179**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jesprimi tħassib li, filwaqt li l-pompi tas-sħana ġeotermali (GHPs) bħalissa huma l-aktar pompi tas-sħana effiċjenti, li jipproduċu aktar sħana għal inqas elettriku fi klimi kesħin meta mqabbla mal-pompi tas-sħana arja-arja, il-kostijiet inizjali ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni tagħhom għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli biex dan id-distakk jonqos; | 13. Jesprimi tħassib li, filwaqt li l-pompi tas-sħana ġeotermali (GHPs) bħalissa huma l-aktar pompi tas-sħana effiċjenti, li jipproduċu aktar sħana għal inqas elettriku fi klimi kesħin meta mqabbla mal-pompi tas-sħana arja-arja, il-kostijiet inizjali ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni tagħhom għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli biex dan id-distakk jonqos; ***jistieden lill-Kummissjoni tindirizza din il-kwistjoni fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pompi tas-Sħana tal-UE li ġej;*** |

Or. en

**Emenda 180**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jesprimi tħassib li, filwaqt li ***l-pompi*** tas-sħana ġeotermali ***(GHPs)*** bħalissa huma l-aktar ***pompi*** tas-sħana effiċjenti, li jipproduċu aktar sħana għal inqas elettriku fi klimi kesħin meta mqabbla mal-pompi tas-sħana arja-arja, il-kostijiet inizjali ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni tagħhom għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli biex dan id-distakk jonqos; | 13. Jesprimi tħassib li, filwaqt li ***l-impjanti*** tas-sħana ġeotermali***, inklużi pompi tas-sħana ġeotermali,*** bħalissa huma l-aktar ***teknoloġija*** tas-sħana effiċjenti, li jipproduċu aktar sħana għal inqas elettriku fi klimi kesħin meta mqabbla mal-pompi tas-sħana arja-arja, il-kostijiet inizjali ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni tagħhom għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli biex dan id-distakk jonqos***, inkluż abbażi tal-prinċipju "ħallas hekk kif iġġemma'"***; |

Or. en

**Emenda 181**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jesprimi tħassib li***, filwaqt*** li ***l-pompi*** tas-sħana ġeotermali ***(GHPs)*** bħalissa huma l-aktar ***pompi tas-sħana*** effiċjenti, li jipproduċu aktar sħana għal inqas elettriku fi klimi kesħin meta mqabbla mal-pompi tas-sħana arja-arja, il-kostijiet inizjali ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni tagħhom għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli biex dan id-distakk jonqos; | 13. Jesprimi tħassib li ***l-impjanti*** tas-sħana ġeotermali bħalissa huma l-aktar ***teknoloġija*** effiċjenti, li jipproduċu aktar sħana għal inqas elettriku fi klimi kesħin meta mqabbla mal-pompi tas-sħana arja-arja, il-kostijiet inizjali ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni tagħhom għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli biex dan id-distakk jonqos; ***dan jikkonċerna wkoll il-pompi tas-sħana ġeotermali (GHPs);*** |

Or. en

**Emenda 182**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jesprimi tħassib li, filwaqt li l-pompi tas-sħana ġeotermali (GHPs) bħalissa huma l-aktar pompi tas-sħana effiċjenti, li jipproduċu aktar sħana għal inqas elettriku fi klimi kesħin meta mqabbla mal-pompi tas-sħana arja-arja, il-kostijiet inizjali ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni tagħhom għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli biex dan id-distakk jonqos; | 13. Jesprimi tħassib li, filwaqt li l-pompi tas-sħana ġeotermali (GHPs) bħalissa huma l-aktar pompi tas-sħana effiċjenti, li jipproduċu aktar sħana għal inqas elettriku fi klimi kesħin meta mqabbla mal-pompi tas-sħana arja-arja, il-kostijiet inizjali ferm ogħla tat-tħaffir u tal-installazzjoni tagħhom għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu l-għażla tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi finanzjarji possibbli ***għall-unitajiet domestiċi*** biex dan id-distakk jonqos; |

Or. fr

**Emenda 183**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***13a. jissottolinja l-potenzjal tas-settur ġeotermali, b'mod partikolari għal skopijiet ta' produzzjoni tas-sħana, fiż-żoni rurali għall-ħtiġijiet tal-azjendi agrikoli; jinnota li s-settur agrikolu qed ibati miż-żieda drastika fil-prezzijiet tal-enerġija u li appoġġ akbar għall-enerġija ġeotermali fiż-żoni rurali b'hekk isaħħaħ il-politika agrikola Ewropea u s-sovranità tal-ikel tal-kontinent;*** |

Or. fr

**Emenda 184**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi xierqa biex tiżgura li l-proġetti ġeotermali jitqiesu aħjar meta jintużaw il-fondi u l-istrumenti eżistenti; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi fond ġeotermali ddedikat; | 14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi xierqa biex tiżgura li l-proġetti ġeotermali jitqiesu aħjar meta jintużaw il-fondi u l-istrumenti eżistenti; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi fond ġeotermali ddedikat ***jew li tiddedika riżorsi taħt fondi eżistenti għal proġetti ġeotermali, b'mod speċjali biex jappoġġjaw teknoloġiji innovattivi bħal, iżda mhux limitat għal, teknoloġija b'ċirkwit magħluq li għandha l-potenzjal li tisfrutta l-enerġija ġeotermali f'oqsma li qabel ma kinux aċċessibbli, u ħżin ġeotermali għall-użu tas-sħana residwa u l-installazzjoni***; ***jinnota l-importantza li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital għal kumpaniji innovattivi fis-settur ġeotermali, b'mod speċjali l-SMEs;*** |

Or. en

**Emenda 185**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi xierqa biex tiżgura li l-proġetti ġeotermali jitqiesu aħjar meta jintużaw il-fondi u l-istrumenti eżistenti; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi fond ġeotermali ddedikat; | 14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi xierqa biex tiżgura li l-proġetti ġeotermali jitqiesu aħjar meta jintużaw il-fondi u l-istrumenti eżistenti; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi fond ġeotermali ddedikat***, li għandu jinkludi wkoll ħażniet ġeotermali (b'mod speċjali ħażniet staġjonali) bħala mezz ta' użu tas-sħana residwa u l-installazzjoni u*** |

*t-trasformazzjoni ta' networks tas-sħana*;

Or. en

**Emenda 186**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi xierqa biex tiżgura li l-proġetti ġeotermali jitqiesu aħjar meta jintużaw il-fondi u l-istrumenti eżistenti; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi fond ġeotermali ddedikat; | 14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi xierqa biex tiżgura li l-proġetti ġeotermali jitqiesu aħjar meta jintużaw il-fondi u l-istrumenti eżistenti; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi fond ġeotermali ddedikat***, inklużi ħażniet ġeotermali għall-użu tas-sħana residwa u l-installazzjoni kif ukoll it-trasformazzjoni ta' network tas-sħana***; |

Or. en

**Emenda 187**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi xierqa biex tiżgura li l-proġetti ġeotermali jitqiesu aħjar meta jintużaw il-fondi u l-istrumenti eżistenti; ***jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi fond ġeotermali ddedikat***; | 14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi xierqa biex tiżgura li l-proġetti ġeotermali jitqiesu aħjar meta jintużaw il-fondi u l-istrumenti ***Ewropej*** eżistenti; ***jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti biex jappoġġjaw it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, b'mod partikolari f'oqsma ta' tranżizzjoni iżda mhux limitat għalihom***; |

Or. en

**Emenda 188**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi xierqa biex tiżgura li l-proġetti ġeotermali jitqiesu aħjar meta jintużaw il-fondi u l-istrumenti eżistenti; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi fond ġeotermali ddedikat; | 14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi xierqa biex tiżgura li l-proġetti ġeotermali jitqiesu aħjar meta jintużaw il-fondi u l-istrumenti eżistenti; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi fond ġeotermali ddedikat ***maħsub biex jappoġġja l-esplorazzjoni, l-iżvilupp, il-modernizzazzjoni u l-popolarizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi ġeotermali***; |

Or. en

**Emenda 189**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jisħaq li l-kostruzzjoni ġeotermali u l-fażi tal-esplorazzjoni preċedenti jinvolvu somom ta' investiment għoljin u riskji intraprenditorjali kbar fil-fażi inizjali fir-rigward tat-tħaffir b'suċċess għall-kampijiet termali sħan li jipprevjeni ħafna kumpaniji mill-investimenti; għal dik ir-raġuni, jesprimi l-opinjoni li jiġu introdotti mekkaniżmi ta' ħheġġjar u garanziji bħall-assigurazzjoni tal-esplorazzjoni bil-preżunzjoni (konġunta) tar-riskju mill-Istati Membri, b'mod speċjali fil-fażi inizjali, sabiex tiġi aċċellerata ż-żieda tal-enerġija ġeotermali, kif ukoll jiġi pprovdut finanzjament pubbliku għall-investigazzjonijiet sejżmoloġiċi preliminari*** |

***li jkomplu jiżviluppaw il-bażi tad-data ġeoloġika bażika;***

Or. en

**Emenda 190**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jistieden lill-Kummissjoni tqis li tistabbilixxi fondi ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp industrijali għal teknoloġiji ta' injezzjoni mill-ġdid totali u binarji b'ċirkwiti magħluqin, u b'mod partikolari għal ċirkwiti magħluqin li jużaw skambju ta' sħana ta' taħt l-art, u b'hekk jindirizzaw potenzjlament ħafna mill-kwistjonijiet ambjentali u tal-klima u r-riskji għas-saħħa f'impjanti ġeotermali profondi tal-UE eżistenti li jużaw teknoloġiji b'ċirkwiti miftuħin u skambjaturi tas-sħana tas-superfiċe. jistieden ukoll lill-Kummissjoni tevalwa projbizzjoni progressiva tal-UE u tal-Istati Membri ta' mekkaniżmi ta' appoġġ u inċentivi għal kwalunkwe produzzjoni u/jew kapaċità tal-enerġija ġeotermali b'ċirkwit miftuħ addizzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 191**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kooperazzjoni transfruntiera*** |

| | |
|---|---|
| | ***fil-qasam tal-enerġija ġeotermali sabiex tiżgura l-isfruttament ta' dan is-sors tal-enerġija fejn il-fruntieri amministrattivi jistgħu jfixklu l-iżvilupp tal-isfruttament tal-enerġija ġeotermali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tkompli bl-appoġġ tagħha għal proġetti tranżnazzjonali ta' mmappjar u mmudellar ġeoloġiku li se jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-enerġija ġeotermali;*** |

Or. fr

**Emenda 192**
**Beatrice Covassi, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi pprovduta gwida tal-Unjoni Ewropea dwar Ftehimiet ta' Xiri ta' Sħana u Kesħa, bħala għodod ewlenin għas-sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat li jiffinanzjaw proġetti ġeotermali fil-livell lokali, f'żoni rurali, f'binjiet u għal proċessi industrijali, f'konformità mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u biex tinħoloq sensibilizzazzjoni fost il-gruppi ta' konsumaturi;*** |

Or. en

**Emenda 193**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor l-*** |

***opportunitajiet ta' finanzjament kollha f'portal ċentralizzat biex tinforma u tagħti ċarezza lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod speċjali lill-SMEs;***

Or. en

**Emenda 194**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet ta' finanzjament Ewropej eżistenti biex jappoġġjaw it-tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari iżda mhux limitat għal oqsma ta' tranżizzjoni, bil-għan ta' opportunitajiet ta' impjieg ġodda li jinħolqu mill-isfruttament mifrux tal-potenzjal tal-enerġija ġeotermali mhux profonda;*** |

Or. en

**Emenda 195**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Jistieden lill-Fond ta' Modernizzazzjoni jagħti prijorità lill-proġetti li jużaw riżorsi ġeotermali f'sistemi ta' tisħin ċentrali eżistenti jew rinnovati u l-istabbiliment ta' networks ta' tisħin u ta' tkessiħ ġeotermali ġodda;*** |

Or. en

**Emenda 196**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14c. Minħabba l-kriżi tal-enerġija li għaddejja bħalissa, jisħaq li l-proġetti li jfittxu li jimmodernizzaw is-sistemi ta' tisħin li huma approvati jew diġà fi stadji avvanzati tal-proċess ta' approvazzjoni, għandhom ikunu kapaċi jinkludu l-enerġija ġeotermali mingħajr tibdil addizzjonali fil-preżentazzjonijiet tal-proġett oriġinali tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 197**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14d. Jitlob investimenti appoġġjati mill-Fond ta' Modernizzazzjoni, li jappoġġjaw il-konverżjoni ta' sistemi tat-tisħin distrettwali eżistenti mill-faħam għall-gass, biex dejjem iqisu l-potenzjal tal-enerġija ġeotermali li għandha tiġi fornuta f'tali sistemi;*** |

Or. en

**Emenda 198**
**Markus Pieper**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri ***jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti*** dwar l-estrazzjoni minerarja***, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali***; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; | 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; ***jinnota li f'kull Stat Membru japplikaw liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja differenti, li joħloq konfużjoni u dewmien għall-iżviluppaturi tal-proġetti;*** jistieden lill-Istati Membri ***jarmonizzaw il-liġi*** dwar l-estrazzjoni minerarja ***fil-livell tal-UE billi jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-leġiżlazzjonijiet eżistenti***; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza***, b'mod simili għall-approċċ meħud għall-qafas regolatorju li jappoġġja l-ħżin ta' CO2 (2009/31/KE)***; |

Or. en

**Emenda 199**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ***ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira*** huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri ***jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti*** dwar l-estrazzjoni minerarja***, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali***; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex | 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ***ġeotermali profondi*** huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; ***jinnota li f'kull Stat Membru japplikaw liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja differenti, li joħloq konfużjoni u dewmien għall-iżviluppaturi tal-proġetti;*** jistieden lill-Istati Membri ***jarmonizzaw il-liġi*** dwar l-estrazzjoni minerarja ***fil-livell tal-UE billi jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-*** |

| | |
|---|---|
| tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; | ***leġiżlazzjonijiet eżistenti***; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza***, b'mod simili għall-approċċ meħud għall-qafas regolatorju li jappoġġja l-ħżin ta' CO2 (2009/31/KE)***; |

Or. en

**Emenda 200**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; | 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza***, filwaqt li tintervjeni biex tindirizza l-frammentazzjoni ta' regolamenti nazzjonali, reġjonali u muniċipali, u tagħmel distinzjoni bejn l-enerġija ġeotermali mhux profonda minn dik profonda u t-tip ta' teknoloġiji użati***; |

Or. en

**Emenda 201**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; | 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja, meta jkun meħtieġ, ***filwaqt li jqisu li teknoloġiji ġeotermali differenti għandhom impatt u riskji differenti b'mod sinifikanti fir-rigward tal-ġeoloġija,*** jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; |

Or. en

**Emenda 202**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jinnota li ***r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta'*** ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura ***l-livell meħtieġ ta' koerenza***; | 15. Jinnota li ħruġ ta' permessi ***aktar malajr*** għall-enerġija ġeotermali***, f'konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE eżistenti, jiffaċilita l-varar ta' proġetti tal-enerġija ġeotermali fl-Unjoni Ewropea kollha***; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura ***proċeduri aktar faċli fl-Istati Membri kollha, inkluż biex tindirizza l-kwistjoni tal-integrazzjoni tal-proċessi fil-kuntesti lokali, reġjonali u nazzjonali u l-possibbiltà ta' proċeduri differenzjati għall-enerġija ġeotermali tas-superfiċe u għall-enerġija ġeotermali profonda***; |

Or. en

**Emenda 203**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja***, meta jkun meħtieġ,*** jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; | 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja ***filwaqt li jsaħħu d-dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali u s-sikurezza għall-ħaddiema fis-settur*** jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; |

Or. fr

**Emenda 204**
**Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex | 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex |

| | |
|---|---|
| tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; | tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza***, li possibilment tiddetermina limiti bbażati fuq il-potenza nominali tal-impjant innifsu***; |

Or. it

**Emenda 205**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; | 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati fi proġetti ġeotermali fuq skala ħafna iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali ***b'simplifikazzjoni u appoġġ partikolari għal dawn il-proġetti f'reġjuni insulari***; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; |

Or. en

**Emenda 206**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jinnota li ***r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla*** għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira huma diffiċli li jiġu rrispettati ***fi*** | 15. Jinnota li ***l-proġetti ġeotermali bħalissa huma soġġetti għal liġijiet imfassla*** għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira***, li*** huma diffiċli li |

| | |
|---|---|
| proġetti ġeotermali fuq skala ***ħafna*** iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw ***il-liġijiet*** eżistenti ***dwar l-estrazzjoni minerarja***, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; | jiġu rrispettati***, b'mod partikolari għal*** proġetti ġeotermali fuq skala iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw ***il-leġiżlazzjoni dwar is-sottosuperfiċe*** eżistenti, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; |

Or. en

**Emenda 207**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira ***huma diffiċli li jiġu rrispettati fi*** proġetti ġeotermali fuq skala ***ħafna*** iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; | 15. Jinnota li r-rekwiżiti tal-liġijiet dwar l-estrazzjoni minerarja mfassla għal proġetti ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira ***ma humiex neċessarjament adattati għal*** proġetti ġeotermali fuq skala iżgħar; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-liġijiet eżistenti dwar l-estrazzjoni minerarja, meta jkun meħtieġ, jew jiżviluppaw regoli speċifiċi ta' ħruġ ta' permessi għall-enerġija ġeotermali; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida biex tiżgura l-livell meħtieġ ta' koerenza; |

Or. en

**Emenda 208**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. jinsab imħasseb dwar in-nuqqas*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' riżorsi finanzjarji u persunal fis-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni ta' każijiet relatati mal-isfruttament tal-enerġija ġeotermali f'xi Stati Membri; ifakkar li l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri ma tridx tkun għad-detriment tar-rekwiżiti ambjentali u sismoloġiċi tal-proġetti u, għal dan l-għan, jitlob li l-leġiżlazzjoni futura dwar is-settur ġeotermali tirrikjedi li l-Istati Membri jgħammru aħjar is-servizzi involuti fi proġetti ta' sfruttament taħt l-art;*** |

Or. fr

**Emenda 209**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jinnota d-differenzi bejn l-isfruttament ġeotermali f'ambjenti urbani u rurali; jiġbed l-attenzjoni għall-ispeċifiċità ta' proġetti ta' tisħin ġeotermali urbani u jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw proċeduri ta' għoti ta' permessi aċċellerati u ssimplifikati għal proġetti ta' tisħin ġeotermali, inkluż aċċess iffaċilitat għal irqajja' ta' art urbani adattati għal impjanti ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 210**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***15a. Jesprimi tħassib li l-proġetti ġeotermali jesperjenzaw proċessi ta' għoti ta' permessi twal; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu proċessi ta' għoti ta' permessi integrati, simplifikati u diġitali billi joħolqu punt uniku ta' kuntatt għall-proċess ta' għoti ta' permessi fl-awtoritajiet kollha;*** |

Or. en

**Emenda 211**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jinnota addizzjonalment il-ħtieġa li jiġu evalwati u riveduti liġijiet dwar l-ilma tal-UE eżistenti bħad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban li bħalissa jikkomplikaw il-proċess tal-esplorazzjoni ta' proġetti ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 212**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-enerġija ġeotermali u termali solari, eżenzjoni mir-regolamenti ta' akkwist tal-UE simili għal dik diġà stabbilita għall-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli;*** |

Or. en

**Emenda 213**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea teżenta t-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli, bħall-enerġija ġeotermali, mil-liġi tal-akkwist tal-UE analoga għall-eżenzjoni għall-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli; jenfasizza li miżuri oħra bħall-eżenzjoni ta' servizzi uniċi bħal servizzi ta' provvista u kostruzzjoni mill-obbligu ta' sejħa għal offerti għall-UE kollha jew il-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal offerti għal servizzi ta' eżekuzzjoni meta ma tkun għadha nkisbet l-ebda approvazzjoni diġà jikkontribwixxu għal aċċelerazzjoni enormi li tkun loġika biss fid-dawl tal-urġenza tal-proġetti li jirriżultaw mill-miri klimatiċi politiċi ambizzjużi;*** |

Or. en

**Emenda 214**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15b. Jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-ħinijiet tal-għoti tal-permessi billi jagħtu permessi b'mod awtomatiku filwaqt li jiżguraw li xejn ma joqgħod kontrih kif ipprattikat f'xi Stati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 215**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15c. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li, f'kuntrast ma' teknoloġiji rinnovabbli oħra, analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja hija meħtieġa għall-enerġija ġeotermali sabiex tkun allinjata mat-tassonomija li tikkontradixxi l-approċċ newtrali għat-teknoloġija tar-Regolament tat-Tassonomija, timminimizza l-potenzjal kbir tal-enerġija ġeotermali bħala kontribut għad-dekarbonizzazzjoni, b'mod speċjali fil-provvista tas-sħana, u tesponiha għal kundizzjonijiet kompetittivi mhux ugwali għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli oħra; jappella għalhekk li jiġi stabbilit qafas regolatorju ugwali allinjat ma' enerġiji rinnovabbli oħra bħal dik mir-riħ u solari f'kull rigward;*** |

Or. en

**Emenda 216**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***16. Jinnota li l-permessi għall-installazzjonijiet ġeotermali jridu jkunu estensibbli biex ikopru l-estrazzjoni tal-litju jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 217**
**Morten Petersen, Iska Mihaylova, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***16. Jinnota li l-permessi għall-installazzjonijiet ġeotermali jridu jkunu estensibbli biex ikopru l-estrazzjoni tal-litju jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 218**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jinnota li l-permessi għall-installazzjonijiet ġeotermali jridu jkunu estensibbli biex ikopru l-estrazzjoni tal-litju jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni; | 16. Jinnota li l-permessi għall-installazzjonijiet ġeotermali jridu jkunu estensibbli ***u flessibbli*** biex ikopru l-estrazzjoni tal-litju jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni; ***ifakkar li l-pjan REPowerEU tal-UE għandu mira ta' produzzjoni ta' 10 miljun tunnellata ta' idroġenu nadif sal-2030 flimkien ma' 10 miljun tunnellata ta' idroġenu nadif importat; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni tesplora l-potenzjal tal-enerġija ġeotermali biex tikkontribwixxi għal dawn l-objettivi;*** |

Or. en

**Emenda 219**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jinnota li l-permessi għall-installazzjonijiet ġeotermali jridu jkunu estensibbli biex ikopru l-estrazzjoni ***tal-litju*** jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni; | 16. Jinnota li l-permessi għall-installazzjonijiet ġeotermali jridu jkunu estensibbli biex ikopru l-estrazzjoni ***ta' materja prima strateġika*** jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni; ***jissottolinja l-ħtieġa li l-enerġija ġeotermali tiġi żviluppata b'mod olistiku, sabiex jittejbu l-għarfien u l-isfruttament tal-enerġija ġeotermali u tal-minjieri fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika Ewropea u r-reindustrijalizzazzjoni;*** |

Or. fr

**Emenda 220**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jinnota li l-permessi ***għall-installazzjonijiet*** ġeotermali jridu jkunu estensibbli biex ikopru l-estrazzjoni tal-litju jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni; | 16. Jinnota li l-permessi ***għall-enerġija*** ġeotermali jridu jkunu estensibbli biex ikopru l-estrazzjoni tal-litju ***u kwalunkwe materja prima u kompost potenzjali oħra (eżempju, fosfat u nitrati)*** jew il-produzzjoni tal-idroġenu ***rinnovabbli u l-ammonijaka*** mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni; |

Or. en

**Emenda 221**
**Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jinnota li l-permessi għall-installazzjonijiet ġeotermali jridu jkunu estensibbli biex ikopru l-estrazzjoni tal-litju jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni; | 16. Jinnota li l-permessi għall-installazzjonijiet ġeotermali ***għall-produzzjoni ta' enerġija elettrika*** jridu jkunu estensibbli biex ikopru l-estrazzjoni tal-litju jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni; |

Or. it

**Emenda 222**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jinnota li l-permessi ***għall-installazzjonijiet*** ġeotermali jridu jkunu estensibbli biex ikopru l-estrazzjoni tal-litju jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni; | 16. Jinnota li l-permessi ***għall-enerġija*** ġeotermali jridu jkunu estensibbli biex ikopru l-estrazzjoni tal-litju ***u minerali oħra*** jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-kapaċità eżistenti fl-ambitu tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni; |

Or. en

**Emenda 223**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jinnota li l-proċeduri amministrattivi attwali biex japplikaw proġetti ġeotermali huma kkaratterizzati minn dewmien, informazzjoni frammentata u nuqqas ta' forza tax-*** |

***xogħol tas-sengħa u riżorsi; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu u jissimplifikaw l-għoti ta' permessi għal proġetti ġeotermali, inkluż permezz tal-ħolqien ta' punt uniku ta' kuntatt għall-proġetti ġeotermali kollha f'kull Stat Membru u jżidu l-appoġġ għall-awtoritajiet lokali b'forza tax-xogħol tas-sengħa, taħriġ u riżorsi adegwati disponibbli biex jivvalutaw il-proġetti; jinnota f'dan ir-rigward li l-inklużjoni ta' skadenzi għal valutazzjoni ta' proġetti għandha tkun ibbażata fuq approvazzjoni taċita; jinnota wkoll li l-proċeduri amministrattivi kollha għandhom jaslu jew jinħarġu diġitalment f'kull Stat Membru;***

Or. en

**Emenda 224**
**Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jinnota fl-istess ħin li r-regolamenti settorjali relatati mal-installazzjoni ta' sistemi ġeotermali għall-kondizzjonament tal-arja (Geoexchange jew Shallow Geothermal jew GSHP) jirrikjedu approċċ simplifikat rigward il-fond ġeneralment baxx tal-installazzjoni, il-valur tal-investimenti u l-valur indott, kif ukoll għall-impatti ambjentali potenzjali li huma ġeneralment negliġibbli; b'mod partikolari, se jiġu żviluppati mogħdijiet speċifiċi għal sistemi f'ċirkwit magħluq (closed-loop, b'sondi ġeotermali) u sistemi f'ċirkwit miftuħ (open-loop, bi bjar għat-teħid tal-ilma mill-akwifer u r-ritorn lejn l-akwifer jew il-korp tal-ilma tal-wiċċ);*** |

Or. it

**Emenda 225**
**Markus Pieper**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissimplifika u tqassar b'mod sinifikanti l-proċeduri tal-għoti ta' permessi għal proġetti ġeotermali peress li dawn għadhom jiffaċċjaw proċeduri ta' approvazzjoni twal wisq bi studji ta' preżervazzjoni tan-naturi estensivi minkejja li l-proġetti huma primarjament taħt l-art u rarament jaffettwaw kwistjonijiet ta' preżervazzjoni tan-natura; jinnota li proċeduri legali integrati, b'mod partikolari fir-rigward ta' liġijiet li jimmiraw lejn il-protezzjoni tal-ispeċi flimkien ma' eċċezzjonijiet temporanji potenzjali, u l-introduzzjoni ta' regolamenti stretti fir-rigward tal-iskedi ta' żmien tal-proġett, għandhom il-potenzjal li jnaqqsu b'mod partikolari l-ħin meħtieġ għall-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' proġetti ġeotermali.*** |

Or. en

**Emenda 226**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li, f'kuntrast ma' teknoloġiji rinnovabbli oħra, hija meħtieġa analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja għall-enerġija ġeotermali sabiex tkun allinjata mat-tassonomija li*** |

***tikkontradixxi l-approċċ newtrali għat-teknoloġija tar-Regolament tat-Tassonomija, timminimizza l-potenzjal kbir tal-enerġija ġeotermali bħala kontribut għad-dekarbonizzazzjoni, b'mod speċjali fil-provvista tas-sħana, u tesponiha għal kundizzjonijiet kompetittivi mhux ugwali għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli oħra; jappella li jkun hemm livell regolatorju ugwali ma' enerġiji mir-riħ u solari f'kull rigward;***

Or. en

**Emenda 227**
**Beatrice Covassi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Ifakkar li "żoni deżinjati għall-enerġija rinnovabbli" deskritti fir-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli jkopru żoni tas-superfiċe. Għalhekk, sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-enerġija ġeotermali, jitlob li l-gwida mill-Kummissjoni fir-rigward tal-iżvilupp tagħha tinkludi s-sottosuperfiċe u tiffaċilita r-rabta ma' punt ta' waqfa waħda diġitalizzat li jippermetti proċessi biex jiġi standardizzat is-suq ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 228**
**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Josserva li l-proċessi*** |

***amministrattivi attwali għall-bidu ta' proġetti ġeotermali huma mxekkla minn dewmien, informazzjoni frammentata, u skarsezza ta' persunal u riżorsi kwalifikati; iħeġġeġ kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri jħaffu u jissimplifikaw l-għoti ta' permessi għal proġetti ġeotermali;***

Or. ga

**Emenda 229**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ gwida għall-aġenziji li joħorġu l-permessi dwar l-aħjar prattiki dwar il-ġestjoni ta' applikazzjonijiet ta' għoti ta' permessi għall-enerġija ġeotermali mhux profonda u l-interferenza potenzjali mal-ilma tax-xorb biex jiġi aċċellerat il-proċess tal-għoti ta' permessi filwaqt li tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa ta' standards ambjentali;*** |

Or. en

**Emenda 230**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi armonizzazzjoni minn fuq għal isfel tar-rekwiżiti tas-settur ġeotermali sabiex tipproteġi lill-ħaddiema fis-settur mir-riskji assoċjati mal-enerġija*** |

| | |
|---|---|
| | ***ġeotermali, b'mod partikolari d-depożiti radjuattivi u l-emissjonijiet tal-gass fil-bjar;*** |

Or. fr

**Emenda 231**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ gwida dwar kif għandhom jiġu implimentati żoni ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 232**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jinnota li l-iżviluppaturi ta' proġetti ġeotermali jiffaċċjaw kompetizzjoni ħarxa, b'mod partikolari ma' żviluppaturi tal-proprjetà immobbli, meta jaċċessaw art adattata għal proġetti futuri ġo żoni urbani jew qrib tagħhom; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tinkludi struzzjoni legali lill-Operaturi tas-Sistema ta' Distribuzzjoni, li r-rwol tagħhom huwa li jippjanaw, jinvestu u jimmaniġġjaw is-sistemi tas-sħana u tal-elettriku, biex jaħdmu b'mod konġunt mal-awtoritajiet lokali ħalli jipproduċu pjanijiet ta' tisħin u ta' tkessiħ lokali ċċentrati fuq l-enerġija ġeotermali bħala kwistjoni ta' interess pubbliku prevalenti*** |

***sabiex tiġi ppreżervata l-art adattata f'żoni urbani għal proġetti ġeotermali; jisħaq ukoll li dan kieku jgħin l-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżit tal-ippjanar tas-Sħana u l-Kesħa deskritt fid-Direttiva riveduta dwar l-Effiċjenza Enerġetika u huwa bbażat fuq l-aħjar prattiki fl-UE kollha fejn l-awtoritajiet lokali kkonvertew b'suċċess għal sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ rinnovabbli;***

Or. en

**Emenda 233**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jiġbed l-attenzjoni għall-ispeċifiċità ta' proġetti ta' tisħin ġeotermali urban; jistieden lill-Istati Membri jinkludu soluzzjonijiet li jippermettu aċċess iffaċilitat għal irqajja' ta' art urbani adattati għal impjanti ta' tisħin ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 234**
**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jappella li l-istabbiliment ta' skadenzi għall-valutazzjoni tal-proġetti għandu jkun ibbażat fuq prinċipji ta' approvazzjoni taċita;*** |

Or. ga

**Emenda 235**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16c. Huwa mħasseb dwar l-entrati multipli għall-enerġija ġeotermali fir-Regolament ((UE) 2020/852) li jistabbilixxi qafas biex jiffaċilita investiment sostenibbli; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tirrieżamina l-klassifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-enerġija ġeotermali fid-dispożizzjonijiet tat-tassonomija, b'mod partikolari billi tneħħi l-kriterji tal-emissjonijiet tas-CO2 taċ-ċiklu tal-ħajja li huma applikati għall-enerġija ġeotermali u l-ebda sors rinnovabbli ieħor, minħabba li dan jimmina l-aċċess għal kapital privat u jħalli impatt negattiv fuq il-potenzjal sinifikanti tal-enerġija ġeotermali għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ;*** |

Or. en

**Emenda 236**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16d. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-kapaċità ta' manifattura tal-UE ta' teknoloġiji tal-enerġija ġeotermali, inkluż permezz tat-tħaffif tal-proċessi tal-għoti ta' permessi għall-espansjoni ta' faċilitajiet u l-ħolqien ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***inċentivi fiskali adegwati;*** |

Or. en

**Emenda 237**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16e. Jissottolinja li meta jitfasslu kuntratti bidirezzjoni għad-differenza għal proġetti tal-elettriku ġeotermali, l-Istati Membri għandhom jinkorporaw, meta jkun xieraq, servizzi mhux tal-prezzijiet bħall-adegwatezza tas-sistema; stabbiltà tal-grilja; ħażna, għażliet ta' flessibbiltà; kif ukoll il-provvista ta' tisħin rinnovabbli; tkessiħ; l-estrazzjoni tal-materja prima kritika sostenibbli; kif ukoll il-kostijiet f'ħin reali tal-materjali u tax-xogħol fi prezzijiet tal-eżerċitar; jinnota li konċessjonijiet għal sejħiet għal offerti għandhom ikunu għat-tul tal-ħajja tal-kapaċità;*** |

Or. en

**Emenda 238**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Ħiliet u*** żvilupp teknoloġiku | Żvilupp teknoloġiku |

Or. en

**Emenda 239**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti ta' xogħol b'lura u dewmien fl-installazzjoni ta' GHPs, fit-tħaffir tal-bjar u fl-għoti tal-permessi meħtieġa minħabba nuqqas ta' persunal kwalifikat; | 17. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti ta' xogħol b'lura u dewmien fl-installazzjoni ta' GHPs, fit-tħaffir tal-bjar u fl-għoti tal-permessi meħtieġa minħabba nuqqas ta' persunal kwalifikat; ***jappella li jiġu stabbiliti miżuri komprensivi għat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet ħalli jikkwalifikaw il-forza tax-xogħol rilevanti għaż-żieda tal-enerġija ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 240**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti ta' xogħol b'lura u dewmien fl-installazzjoni ta' GHPs, fit-tħaffir tal-bjar u fl-għoti tal-permessi meħtieġa minħabba nuqqas ta' persunal kwalifikat; | 17. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti ta' xogħol b'lura u dewmien fl-installazzjoni ta' GHPs, fit-tħaffir tal-bjar u fl-għoti tal-permessi meħtieġa minħabba nuqqas ta' persunal kwalifikat; ***jistieden lill-Istati Membri jadottaw pjanijiet ta' azzjoni biex jagħtu spinta lit-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema għal teknoloġiji ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 241**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti ta' xogħol b'lura u dewmien fl-installazzjoni ta' GHPs, fit-tħaffir tal-bjar u fl-għoti tal-permessi meħtieġa minħabba nuqqas ta' persunal kwalifikat; | 17. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti ta' xogħol b'lura u dewmien fl-installazzjoni ta' GHPs, fit-tħaffir tal-bjar u fl-għoti tal-permessi meħtieġa minħabba nuqqas ta' persunal kwalifikat***, inkluż fl-amministrazzjoni tal-għoti ta' permessi***; |

Or. en

**Emenda 242**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jisħaq li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għad iridu jimplimentaw id-dispożizzjoni tal-2009 tad-Direttiva 98/70/KE rigward il-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, li tistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifika ekwivalenti huma disponibbli għall-installaturi ta' sistemi ġeotermali mhux profondi fuq skala żgħira u pompi tas-sħana;*** |

Or. en

**Emenda 243**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jistieden lill-Istati Membri*** |

***jiżguraw li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifika ekwivalenti huma disponibbli għall-installaturi ta' sistemi ġeotermali mhux profondi fuq skala żgħira u pompi tas-sħana;***

Or. en

**Emenda 244**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. jistieden lill-Istati Membri jniedu pjan ta' taħriġ għal okkupazzjonijiet ġeotermali fil-fond u tal-wiċċ sabiex jissodisfaw malajr il-ħtiġijiet tas-settur;*** |

Or. fr

**Emenda 245**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17b. Jilqa' l-proġetti appoġġjati mill-Erasmus+ biex jirrimedjaw in-nuqqas ta' gradwati żgħar kwalifikati fil-katina tal-valur tal-enerġija ġeotermali, bħall-program Geo3En li jimmira li jwitti t-triq għal lawrja ta' Erasmus Mundus Master futura fl-inġinerija ġeotermali; iħeġġeġ lill-Istati Membru jżidu l-miżuri għall-għoti ta' ħiliet lill-ispeċjalisti fil-qasam tal-enerġija ġeotermali minħabba li għadd suffiċjenti ta' ħaddiema se jkun kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi għall-varar ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 246**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-ħiliet u l-kapaċità tal-aġenziji tal-għoti ta' permessi u l-awtorità lokali ta' dawk li jippjanaw is-sħana u l-kesħa jirċievu attenzjoni u appoġġ xierqa;*** |

Or. en

**Emenda 247**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jisħaq li, filwaqt li l-UE hija l-leader fir-riċerka u l-iżvilupp u l-manifattura ġeotermali, jinħtieġu miżuri ta' appoġġ għat-teknoloġiji ġeotermali tal-ġenerazzjoni li jmiss fil-livell Ewropew u nazzjonali sabiex tiġi appoġġjata din il-pożizzjoni, b'mod partikolari fil-ħżin ġeotermali u l-applikazzjonijiet industrijali; | 18. Jisħaq li, filwaqt li l-UE hija l-leader fir-riċerka u l-iżvilupp u l-manifattura ġeotermali, jinħtieġu miżuri ta' appoġġ għat-teknoloġiji ġeotermali tal-ġenerazzjoni li jmiss fil-livell Ewropew u nazzjonali sabiex tiġi appoġġjata din il-pożizzjoni, b'mod partikolari fil-ħżin ġeotermali u l-applikazzjonijiet industrijali; ***jirrimarka l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-katina tal-valur kollha biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-materjal rilevanti;*** |

Or. en

**Emenda 248**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi,**

**Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jisħaq li, filwaqt li l-UE hija l-leader fir-riċerka u l-iżvilupp u l-manifattura ġeotermali, jinħtieġu miżuri ta' appoġġ għat-teknoloġiji ġeotermali tal-ġenerazzjoni li jmiss fil-livell Ewropew u nazzjonali sabiex tiġi appoġġjata din il-pożizzjoni, b'mod partikolari fil-ħżin ġeotermali u l-applikazzjonijiet industrijali; | 18. Jisħaq li, filwaqt li l-UE hija l-leader fir-riċerka u l-iżvilupp***, il-privattivi ta' valur għoli, il-pubblikazzjonijiet xjentifiċi*** u l-manifattura ġeotermali, jinħtieġu miżuri ta' appoġġ għat-teknoloġiji ġeotermali tal-ġenerazzjoni li jmiss fil-livell Ewropew u nazzjonali sabiex tiġi appoġġjata din il-pożizzjoni, b'mod partikolari fil-ħżin ġeotermali u l-applikazzjonijiet industrijali; |

Or. en

**Emenda 249**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jisħaq li, filwaqt li l-UE hija l-leader fir-riċerka u l-iżvilupp u l-manifattura ġeotermali, jinħtieġu miżuri ta' appoġġ għat-teknoloġiji ġeotermali tal-ġenerazzjoni li jmiss fil-livell Ewropew u nazzjonali sabiex tiġi appoġġjata din il-pożizzjoni, b'mod partikolari fil-ħżin ġeotermali u l-applikazzjonijiet industrijali; | 18. Jisħaq li, filwaqt li l-UE hija l-leader fir-riċerka u l-iżvilupp u l-manifattura ġeotermali, jinħtieġu miżuri ta' appoġġ għat-teknoloġiji ġeotermali tal-ġenerazzjoni li jmiss fil-livell Ewropew u nazzjonali***, b'attenzjoni partikolari fir-rigward tar-reġjunijiet insulari,*** sabiex tiġi appoġġjata din il-pożizzjoni, b'mod partikolari fil-ħżin ġeotermali u l-applikazzjonijiet industrijali; |

Or. en

**Emenda 250**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jitlob li tingħata prijorità lill-proġetti ta' ħżin idroelettriku ppompjat ta' taħt l-art, b'mod partikolari dawk żviluppati abbażi ta' minjieri u barrieri dekummissjonati konvertibbli f'baċiri tal-ilma, fis-sejħiet tal-Fond tal-Innovazzjoni tal-UE u l-qafas Orizzont Ewropa, peress li din is-soluzzjoni tista' tkun biċċa vitali biex jiġu żviluppati sistemi tal-elettriku dekarbonizzat;*** |

Or. en

**Emenda 251**
**Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***19. Jenfasizza li xi Stati Membri esprimew tħassib dwar in-nuqqas ta' konformità ta' xi pompi tas-sħana importati mal-istatus iddikjarat tagħhom ta' effiċjenza enerġetika; jisħaq li l-valutazzjoni tal-konformità minn partijiet terzi (minflok l-awtodikjarazzjoni) għandha tiġi diskussa bħala parti mir-reviżjoni tar-regoli dwar it-tikkettar tal-enerġija tal-ekodisinn;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 252**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jitlob aktar riċerka u innovazzjoni f'termini ta' teknoloġija tal-pompa mtejba u affidabbli ħafna, li hija l-qalba ta' kull impjant ġeotermali, minħabba li l-industrija trid tkun stimolata biex tinvesti u tiżviluppa sistemi ġodda sabiex timmodifika teknoloġija tal-pompa kurrenti li primarjament tintuża għal applikazzjonijiet ġeotermali taż-żejt u tal-gass; jisħaq li huwa l-objettiv sod li joffri teknoloġija tal-pompa ġeotermali speċjali għall-użu f'ambjent ġeoloġiku ieħor meta mqabbel maż-żejt u mal-gass (eż. adegwatezza għal temperatura ogħla, ħtieġa ta' potenza ta' żwiemel ogħla, tekniki alternattivi);*** |

Or. en

**Emenda 253**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Angelika Niebler, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jirrikonoxxi li l-ħżin termali taħt l-art, speċjalment b'rabta mal-użu ta' sorsi ġeotermali, jista' jirrappreżenta għodda innovattiva f'żoni mhux urbanizzati u industrijali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw ir-riċerka u l-iżvilupp ta' dawn is-soluzzjonijiet u jimplimentaw impjanti pilota fuq skala kbira;*** |

Or. en

**Emenda 254**
**Markus Pieper**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jirrikonoxxi li l-ħżin termali taħt l-art, speċjalment b'rabta mal-użu ta' sorsi ġeotermali, jista' jirrappreżenta għodda innovattiva; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw ir-riċerka u l-iżvilupp ta' dawn is-soluzzjonijiet u jimplimentaw impjanti pilota fuq skala kbira;*** |

Or. en

**Emenda 255**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta lill-innovazzjoni u r-riċerka fl-iżvilupp ta' teknoloġija tal-pompa affidabbli, li hija l-qalba ta' kull komponent ta' kull impjant ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 256**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19b. Jirrimarka li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom ma implimentawx id-dispożizzjoni tal-2009 tad-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***enerġija minn sorsi rinnovabbli, u jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jiżguraw li skemi ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi jkunu disponibbli għall-installaturi u dawk li jħaffru f'sistemi ġeotermali mhux profondi fuq skala żgħira u pompi tas-sħana biex jiġi ggarantit li l-installazzjonijiet jitwettqu b'mod sigur, effiċjenti u f'konformità mar-regolamenti rilevanti;*** |

Or. en

**Emenda 257**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Territorji fi tranżizzjoni | Territorji fi tranżizzjoni***: l-adattament tal-industrija tal-idrokarburi u tal-estrazzjoni minerarja, tal-ħiliet u tal-assi għal skopijiet differenti*** |

Or. en

**Emenda 258**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 7a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Forza tax-xogħol, taħriġ u ħiliet*** |

Or. en

**Emenda 259**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi,**

**Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 7d (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Huwa mħasseb li hemm nuqqas sinifikanti ta' professjonisti kwalifikati fil-katina tal-valur kollha; jenfasizza li l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol tas-sengħa se tkompli tiżdied fil-futur; jisħaq għalhekk fuq il-ħtieġa li jsir investiment urġenti fit-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol għas-settur ġeotermali;*** |

Or. en

**Emenda 260**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 7c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jinnota li l-ħiliet u l-esperjenza ta' professjonisti li jaħdmu fl-industrija tas-servizzi taż-żejt u tal-gass huma prezzjużi ħafna għas-settur ġeotermali; jisħaq, għalhekk, fuq il-ħtieġa li tiġi attirata u appoġġjata din il-forza tax-xogħol rilevanti għas-settur ġeotermali, inkluż billi jinħolqu inċentivi u programmi ta' taħriġ;*** |

Or. en

**Emenda 261**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 7d (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jinnota li għadd limitat biss ta' lawrji universitarji huma ddedikati għall-enerġija ġeotermali, filwaqt li l-maġġoranza tagħhom ikopru biss ħiliet bażiċi, huma qosra u volontarji; jappella, għalhekk, rigward il-ħtieġa li jiġu adattati u msaħħa l-kurrikuli edukattivi fl-iskejjel tal-inġinerija f'kull Stat Membru billi jiġu pprovduti lawrji aġġornati u ta' kwalità; jistieden lill-Kummissjoni tqis li jinħolqu skejjel ta' taħriġ speċifiċi għal inġinieri ġeotermali u idroelettriċi, b'mod partikolari permezz tal-Akkademji Żero Netti msemmija fl-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti; jissottolinja, b'mod ġenerali, il-ħtieġa li tinħoloq sensibilizzazzjoni fost l-istudenti, il-persunal universitarju u professuri dwar is-settur ġeotermali u l-opportunitajiet ta' karriera tiegħu;*** |

Or. en

**Emenda 262**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *20. Jiddispjaċih li l-potenzjal ta' riżervi tal-idrokarburi eżawriti għall-applikazzjonijiet ġeotermali mhux qed jiġi sfruttat bis-sħiħ;* | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 263**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jiddispjaċih li l-potenzjal ta' riżervi tal-idrokarburi eżawriti għall-applikazzjonijiet ġeotermali mhux qed jiġi sfruttat bis-sħiħ; | 20. Jiddispjaċih li l-potenzjal ***tal-adattament għal skopijiet differenti ta' bjar taż-żejt u tal-gass eżistenti f'riżervi*** tal-idrokarburi eżawriti***, abbandunati jew li ma għadhomx jintużaw*** għall-applikazzjonijiet ġeotermali mhux qed jiġi sfruttat bis-sħiħ; |

Or. en

**Emenda 264**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jiddispjaċih li l-potenzjal ta' riżervi tal-idrokarburi eżawriti għall-applikazzjonijiet ġeotermali mhux qed jiġi sfruttat bis-sħiħ; | 20. Jiddispjaċih li l-potenzjal ta' riżervi tal-idrokarburi eżawriti***, abbandunati u li ma għadhomx jintużaw*** għall-applikazzjonijiet ġeotermali mhux qed jiġi sfruttat bis-sħiħ; |

Or. en

**Emenda 265**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jiddispjaċih li l-potenzjal ta' riżervi tal-idrokarburi eżawriti għall-applikazzjonijiet ġeotermali mhux ***qed jiġi*** sfruttat bis-sħiħ***;*** | 20. Jiddispjaċih li l-potenzjal ta' riżervi tal-idrokarburi eżawriti***, abbandunati jew li ma għadhomx jintużaw*** għall-applikazzjonijiet ġeotermali mhux sfruttat bis-sħiħ |

Or. en

**Emenda 266**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jissottolinja r-rwol importanti tat-tisħin ġeotermali fit-tranżizzjoni tal-enerġija ġusta bħala sors ta' sħana dekarbonizzata għal komunitajiet b'networks ta' tisħin distrettwali fl-UE kollha;*** |

Or. en

**Emenda 267**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel inventarju ta' bażi ta' riżorsi ġeotermali u tħejji pjan direzzjonali tal-aħjar prattiki biex tittrasforma dawn l-assi tal-idrokarburi;*** |

Or. en

**Emenda 268**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***20b. Jinnota li l-parti l-kbira ta' sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali huma bbażati fuq fjuwils fossili f'dawn it-territorji fi tranżizzjoni; jissottolinja li ħafna sistemi jistgħu jiġu kkonvertiti għal enerġija ġeotermali u li dan għandu jingħata prijorità fil-Fondi ta' Modernizzazzjoni u Koeżjoni;*** |

Or. en

**Emenda 269**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jiġbed l-attenzjoni għall-proġetti eżistenti ta' adattament għal skopijiet ġodda f'minjieri dekummissjonati, fejn it-teknoloġija applikata tal-ħżin tal-enerġija termali fil-kaverni kapaċi tipprovdi tisħin jew tkessiħ; jinnota l-iżvilupp ta' proġetti li jippjanaw li jużaw riżervi taż-żejt għall-ħżin tal-enerġija; jieħu nota tal-proġetti li għaddejjin biex il-bjar taż-żejt u tal-gass dekummissjonati jiġu adattati mill-ġdid għal applikazzjonijiet ġeotermali, u b'hekk jitnaqqsu ħafna r-riskji tal-esplorazzjoni u l-kostijiet tat-tħaffir; | 21. Jiġbed l-attenzjoni għall-proġetti eżistenti ta' adattament għal skopijiet ġodda f'minjieri dekummissjonati, fejn it-teknoloġija applikata tal-ħżin tal-enerġija termali fil-kaverni kapaċi tipprovdi tisħin jew tkessiħ; jinnota l-iżvilupp ta' proġetti li jippjanaw li jużaw riżervi taż-żejt għall-ħżin tal-enerġija; jieħu nota tal-proġetti li għaddejjin biex il-bjar taż-żejt u tal-gass dekummissjonati jiġu adattati mill-ġdid għal applikazzjonijiet ġeotermali, u b'hekk jitnaqqsu ħafna r-riskji tal-esplorazzjoni u l-kostijiet tat-tħaffir***, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' responsabbiltà u l-obbligi fuq l-operaturi preċedenti***; |

Or. en

**Emenda 270**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jiġbed l-attenzjoni għall-proġetti eżistenti ta' adattament għal skopijiet ġodda f'minjieri dekummissjonati, fejn it-teknoloġija applikata tal-ħżin tal-enerġija termali fil-kaverni kapaċi tipprovdi tisħin jew tkessiħ; jinnota l-iżvilupp ta' proġetti li jippjanaw li jużaw riżervi taż-żejt għall-ħżin tal-enerġija; jieħu nota tal-proġetti li għaddejjin biex il-bjar taż-żejt u tal-gass dekummissjonati jiġu adattati mill-ġdid għal applikazzjonijiet ġeotermali, u b'hekk jitnaqqsu ħafna r-riskji tal-esplorazzjoni u l-kostijiet tat-tħaffir; | 21. Jiġbed l-attenzjoni għall-proġetti eżistenti ta' adattament għal skopijiet ġodda f'minjieri dekummissjonati, fejn it-teknoloġija applikata tal-ħżin tal-enerġija termali fil-kaverni kapaċi tipprovdi tisħin jew tkessiħ; jinnota l-iżvilupp ta' proġetti li jippjanaw li jużaw riżervi taż-żejt għall-ħżin tal-enerġija ***jew tas-CO2***; jieħu nota tal-proġetti li għaddejjin biex il-bjar taż-żejt u tal-gass dekummissjonati jiġu adattati mill-ġdid għal applikazzjonijiet ġeotermali, u b'hekk jitnaqqsu ħafna r-riskji tal-esplorazzjoni u l-kostijiet tat-tħaffir; |

Or. en

**Emenda 271**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jinnota li ***ħafna minn dawn il-proġetti huma implimentati mill-industrija*** tal-idrokarburi***, li tqishom bħala opportunità biex ikunu parti mit-tranżizzjoni tal-enerġija, u li hemm bżonn ta' involviment saħansitra aktar b'saħħtu ta' din l-industrija*** fl-esplorazzjoni tal-potenzjal għall-enerġija ġeotermali; jisħaq li valutazzjoni bikrija tar-riżorsi, meta l-minjieri jkunu għadhom aċċessibbli, tiżgura l-iżvilupp aktar effiċjenti tal-użu alternattiv tagħhom; | 22. Jinnota li ***l-industrija*** tal-idrokarburi ***hija involuta*** fl-esplorazzjoni tal-potenzjal għall-enerġija ġeotermali; jisħaq li valutazzjoni bikrija tar-riżorsi, meta l-minjieri jkunu għadhom aċċessibbli, tiżgura l-iżvilupp aktar effiċjenti tal-użu alternattiv tagħhom; |

Or. fr

**Emenda 272**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jinnota li ħafna minn dawn il-proġetti huma implimentati mill-industrija ***tal-idrokarburi***, li tqishom bħala opportunità biex ikunu parti mit-tranżizzjoni tal-enerġija***, u li hemm bżonn ta' involviment saħansitra aktar b'saħħtu ta' din l-industrija fl-esplorazzjoni tal-potenzjal għall-enerġija ġeotermali***; jisħaq li valutazzjoni bikrija tar-riżorsi, meta l-minjieri jkunu għadhom aċċessibbli, tiżgura l-iżvilupp aktar effiċjenti tal-użu alternattiv tagħhom; | 22. Jinnota li ħafna minn dawn il-proġetti huma implimentati mill-industrija ***tal-fjuwils fossili***, li tqishom bħala opportunità biex ikunu parti mit-tranżizzjoni tal-enerġija; jisħaq li valutazzjoni bikrija tar-riżorsi, meta l-minjieri jkunu għadhom aċċessibbli, tiżgura l-iżvilupp aktar effiċjenti tal-użu alternattiv tagħhom***, b'kunsiderazzjoni dovuta għar-reġim ta' responsabbiltà li għandu jiġi applikat***; |

Or. en

**Emenda 273**
**Morten Petersen, Ville Niinistö, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jisħaq li t-tisħin ġeotermali huwa pprovdut lokalment, li jippermetti lill-amministrazzjonijiet lokali jkunu aktar awtosuffiċjenti; jenfasizza r-rilevanza tat-tisħin ġeotermali għat-tnaqqis tad-dipendenza mill-importazzjonijiet tal-enerġija minn pajjiżi terzi u għall-għanijiet usa' tal-UE ta' awtonomija strateġika akbar fir-rigward ta' provvista tal-enerġija instabbli;*** |

Or. en

**Emenda 274**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jistieden lill-Istati Membri jħejju inventarju pubbliku ta' infrastruttura tal-idrokarburi użata, abbandunata u li ma għadhiex tintuża, li għandha potenzjal li tintuża bħala riżorsa ġeotermali; jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata prijortà lill-fondi għat-twettiq ta' studji dettaljati tal-kundizzjonijiet ta' din l-infrastruttura sabiex jiġi vvalutat il-potenzjal ta' kull sit;*** |

Or. en

**Emenda 275**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. jissottolinja l-ħtieġa, fil-kuntest ta' tranżizzjoni ġusta, li l-ħaddiema fl-industriji tal-fjuwils fossili jingħataw l-opportunità għal taħriġ biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-setturi tat-tranżizzjoni ekoloġika, u b'mod partikolari l-enerġija ġeotermali, li għandha ħafna analoġiji mal-isfruttament taż-żejt u tal-gass;*** |

Or. fr

**Emenda 276**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 23. ***Jistieden lill-Istati Membri jużaw l-opportunitajiet ta' finanzjament Ewropej eżistenti biex jappoġġjaw it-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol fiż-żoni ta' tranżizzjoni, bil-għan li jibbenefikaw bl-aqwa mod mill-impjiegi li jinħolqu minn proġetti ġeotermali;*** jinnota li l-ħiliet tal-industrija taż-żejt u tal-gass jistgħu jiġu applikati għas-settur ġeotermali; | 23. Jinnota li l-ħiliet tal-industrija taż-żejt u tal-gass jistgħu jiġu applikati għas-settur ġeotermali; |

Or. en

**Emenda 277**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. ***Jistieden lill-Istati Membri jużaw l-opportunitajiet ta' finanzjament Ewropej*** eżistenti ***biex jappoġġjaw it-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol fiż-żoni ta' tranżizzjoni, bil-għan li jibbenefikaw bl-aqwa mod mill-impjiegi li jinħolqu minn proġetti ġeotermali***; ***jinnota li l-ħiliet tal-industrija taż-żejt u tal-gass jistgħu jiġu applikati għas-settur ġeotermali;*** | 23. ***Ifakkar fl-importanza ta' tranizzjoni ġusta lejn sistema tal-enerġija effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u bbażata kompletament fuq sorsi rinnovabbli u fil-ħtieġa li jiġi miġġieled kwalunkwe faqar; jinnota li l-enerġija ġeotermali se jkollha rwol kruċjali biex tissostitwixxi l-fjuwil fossili għal ħafna Stati Membri, speċjalment mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, bl-infrastruttura tat-tisħin distrettwali*** eżistenti; |

Or. en

**Emenda 278**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jistieden lill-Istati Membri jużaw l- | 23. Jistieden lill-Istati Membri jużaw l- |

| | |
|---|---|
| opportunitajiet ta' finanzjament Ewropej eżistenti biex jappoġġjaw it-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol fiż-żoni ta' tranżizzjoni, bil-għan li jibbenefikaw bl-aqwa mod mill-impjiegi li jinħolqu minn proġetti ġeotermali; ***jinnota li l-ħiliet tal-industrija taż-żejt u tal-gass jistgħu jiġu applikati għas-settur ġeotermali;*** | opportunitajiet ta' finanzjament Ewropej eżistenti biex jappoġġjaw it-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol fiż-żoni ta' tranżizzjoni, bil-għan li jibbenefikaw bl-aqwa mod mill-impjiegi li jinħolqu minn proġetti ġeotermali; |

Or. en

**Emenda 279**
**Christophe Grudler, Klemen Grošelj, Morten Petersen, Stéphane Bijoux, Max Orville**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi biex jiżviluppaw sorsi tal-enerġija rinnovabbli f'konformità mal-karatteristiċi ġeografiċi, ġeoloġiċi u metereoloġiċi tagħhom; jirrimarka li minħabba l-bogħod ġeografiku tagħhom, dawn ir-reġjuni ma humiex konnessi mal-grilji tal-enerġija tal-Ewropa; jinnota li proporzjon kbir tar-reġjuni ultraperiferiċi huma territorji volkaniċi, li jippreżentaw potenzjal għoli għall-produzzjoni kemm ta' enerġija ġeotermali tas-superfiċe kif ukoll dik profonda; jissottolinja r-rwol essenzjali li l-enerġija ġeotermali jista' jkollha f'dawn ir-reġjuni biex tiggarantixxi l-awtonomija tal-enerġija tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 280**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***23a. ifakkar fid-dipendenza għolja ta' ħafna reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili għal skopijiet tal-produzzjoni tal-elettriku; ifakkar li l-maġġoranza ta' dawn ir-reġjuni jinsabu f'żoni vulkaniċi b'potenzjal ġeotermali għoli biex jipproduċu l-elettriku; jissottolinja li l-appoġġ tekniku u finanzjarju għall-enerġija ġeotermali fir-reġjuni ultraperiferiċi huwa essenzjali sabiex jiġu limitati l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra u titnaqqas id-dipendenza tagħhom fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwil;*** |

Or. fr

**Emenda 281**
**Morten Petersen, Ville Niinistö, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***23a. Jiġbed l-attenzjoni għar-rwol tat-tisħin ġeotermali fit-tranżizzjoni għal enerġija ġusta fl-Ewropa kollha bħala sors ta' tisħin dekarbonizzat għal komunitajiet b'networks ta' tisħin distrettwali; jappella li jkun hemm fondi tal-UE, nazzjonali u reġjonali ddedikati għall-immodernizzar ta' networks eżistenti biex jippermettu l-varar ta' dan is-sors mhux sfruttat ta' tisħin;*** |

Or. en

**Emenda 282**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jinnota li l-enerġija ġeotermali flimkien mat-tisħin distrettwali jistgħu japplikaw bħala sors ta' enerġija rinnovabbli u stabbli u għalhekk jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ġusta fl-Ewropa kollha; jappella li jkun hemm fondi ddedikati għall-immodernizzar ta' networks ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali eżistenti biex jiġi żgurat l-użu tal-potenzjal;*** |

Or. en

**Emenda 283**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jistieden lill-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta biex jinkorpora l-bjar taż-żejt u tal-gass dekummissjonati, kif ukoll il-faċilitajiet tal-estrazzjoni minerarja, jew il-konverżjoni għal sistemi ta' tisħin, tkessiħ jew ħażna ġeotermali b'mod kosteffettiv u malajr biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni tal-enerġija;*** |

Or. en

**Emenda 284**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 24. Jiġbed l-attenzjoni għall-immappjar online ta' installazzjonijiet ġeotermali eżistenti f'belt jew reġjun partikolari bħala prattika tajba li tista' żżid il-viżibbiltà ta' soluzzjonijiet ġeotermali u tgħin fl-appoġġ għal deċiżjonijiet ta' investiment; | 24. Jiġbed l-attenzjoni għall-immappjar online ta' installazzjonijiet ġeotermali eżistenti f'belt jew reġjun partikolari bħala prattika tajba li tista' żżid il-viżibbiltà ta' soluzzjonijiet ġeotermali u tgħin fl-appoġġ għal deċiżjonijiet ta' investiment; ***jenfasizza li huma meħtieġa impjanti ta' dimostrazzjoni ġodda biex juru li tekniki ġeotermali innovattivi, b'mod partikolari Ħżin Staġjonali Ġeotermali u proġetti petrotermali, huma fattibbli;*** |

Or. en

**Emenda 285**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jiġbed l-attenzjoni għall-immappjar online ta' installazzjonijiet ġeotermali eżistenti f'belt jew reġjun partikolari bħala prattika tajba li tista' żżid il-viżibbiltà ta' soluzzjonijiet ġeotermali u tgħin fl-appoġġ għal deċiżjonijiet ta' investiment; | 24. Jiġbed l-attenzjoni għall-immappjar online ta' installazzjonijiet ġeotermali eżistenti f'belt jew reġjun partikolari bħala prattika tajba li tista' żżid il-viżibbiltà ta' soluzzjonijiet ġeotermali u tgħin fl-appoġġ għal deċiżjonijiet ta' investiment; ***jenfasizza li impjanti ta' dimostrazzjoni ġodda għandhom juru l-fattibbiltà u l-aċċessibbiltà fi ħdan tekniki ġeotermali innovattivi partikolari;*** |

Or. en

**Emenda 286**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Martin Hojsík, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jiġbed l-attenzjoni għall-immappjar | 24. Jiġbed l-attenzjoni għall-immappjar |

| | |
|---|---|
| online ta' installazzjonijiet ġeotermali eżistenti f'belt jew reġjun partikolari bħala prattika tajba li tista' żżid il-viżibbiltà ta' soluzzjonijiet ġeotermali u tgħin fl-appoġġ għal deċiżjonijiet ta' investiment; | online ta' installazzjonijiet ġeotermali eżistenti f'belt jew reġjun partikolari bħala prattika tajba li tista' żżid il-viżibbiltà ta' soluzzjonijiet ġeotermali u tgħin fl-appoġġ għal deċiżjonijiet ta' investiment ***pubbliċi u privati***; |

Or. en

**Emenda 287**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-sistemi ġeotermali jużaw art limitata u rekwiżiti ta' strutturi fuq l-art; jistieden lill-Istati Membri jqisu l-aċċess għal irqajja' ta art urbani għal impjanti ġeotermali biex jiżguraw adozzjoni aktar malajr fl-għoti tal-permessi;*** |

Or. en

**Emenda 288**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***25. Jinnota li r-reżistenza pubblika għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib ambjentali bħall-kontaminazzjoni possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet jew l-isfruttament żejjed tal-ilma; jesprimi l-opinjoni li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin tista' sservi bħala mod effiċjenti biex jingħeleb*** | ***imħassar*** |

***in-nuqqas ta' fiduċja;***

Or. en

**Emenda 289**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib ambjentali bħall-kontaminazzjoni possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet jew l-isfruttament żejjed tal-ilma; ***jesprimi l-opinjoni li ż-żamma ta'*** standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin ***tista' sservi*** bħala mod effiċjenti biex ***jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja***; | 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib ambjentali bħall-kontaminazzjoni possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet jew l-isfruttament żejjed tal-ilma***, kif ukoll ir-riskju ta' ħsara possibbli f'binjiet marbuta ma' terremoti iżgħar relatati mal-esplorazzjoni ġeotermali***; ***ifakkar fl-importanza li jinżammu*** standards ambjentali***, xjentifiċi*** u ta' trasparenza għoljin ***meta tiġi sfruttata l-enerġija ġeotermali*** bħala mod effiċjenti biex ***jiġu inklużi l-komunitajiet u jiġi indirizzat tħassib possibbli***; |

Or. en

**Emenda 290**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib ambjentali bħall-kontaminazzjoni possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet jew l-isfruttament żejjed tal-ilma; | 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib ambjentali bħall-kontaminazzjoni possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet jew l-isfruttament żejjed tal-ilma; |

| | |
|---|---|
| ***jesprimi l-opinjoni li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin tista' sservi bħala mod effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja***; | ***jissottolinja li l-impjanti tal-enerġija ġeotermali għandhom konsum tal-art limitat meta mqabbla ma' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli oħra; jinnota li l-għoti ta' informazzjoni trasparenti lill-pubbliku dwar it-teknoloġiji u l-proġetti tal-enerġija ġeotermali jżid l-aċċettazzjoni tal-pubbliku***; |

Or. en

**Emenda 291**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib ambjentali bħall-kontaminazzjoni possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet jew l-isfruttament żejjed tal-ilma; jesprimi l-opinjoni li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin ***tista' sservi*** bħala mod effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja; | 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib ambjentali bħall-kontaminazzjoni possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet jew l-isfruttament żejjed tal-ilma; jesprimi l-opinjoni li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin ***kif ukoll approċċ ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja sostenibbli jistgħu jservu*** bħala mod effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja; |

Or. en

**Emenda 292**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib | 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib |

ambjentali bħall-kontaminazzjoni possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet jew l-isfruttament żejjed tal-ilma; jesprimi l-opinjoni li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin ***tista' sservi bħala mod effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja***;

ambjentali bħall-kontaminazzjoni possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet jew l-isfruttament żejjed tal-ilma; jesprimi l-opinjoni li ż-żamma ta' standards ambjentali***, sismoloġiċi*** u ta' trasparenza għoljin ***hija prerekwiżit neċessarju għall-aċċettazzjoni pubblika tal-enerġija ġeotermali***;

Or. fr

**Emenda 293**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika ***għadha*** sfida għall-proġetti ġeotermali***, b'mod partikolari abbażi ta'*** tħassib ambjentali ***bħall-kontaminazzjoni*** possibbli ***tal-ilmijiet*** ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ***ta' gassijiet jew*** l-isfruttament żejjed tal-ilma; jesprimi ***l-opinjoni*** li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin ***tista' sservi*** bħala mod effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja; | 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika ***tibqa'*** sfida għall-proġetti ġeotermali ***anke minħabba*** tħassib ambjentali***: l-interferenza*** possibbli ***mal-ilmijiet*** ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ***mhux kondensibbli,*** l-isfruttament żejjed tal-ilma; jesprimi ***opinjoni*** li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin***, u approċċ ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja sostenibbli jistgħu jservu*** bħala mod effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja; |

Or. en

**Emenda 294**
**Jens Geier, Niels Fuglsang**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jinnota li ***r-reżistenza pubblika għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib*** | 25. ***Jissottolinja li hemm ħafna tħassib falz bla bażi dwar l-enerġija ġeotermali u jwassal għal nuqqas ta' fiduċja;*** jinnota li |

| | |
|---|---|
| ***ambjentali bħall-kontaminazzjoni possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet jew l-isfruttament żejjed tal-ilma***; jesprimi l-opinjoni li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin tista' sservi bħala mod effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja; | ***l-aċċettazzjoni mill-pubbliku tista' tiżdied meta jkun hemm informazzjoni trasparenti għall-pubbliku mill-istadji bikrin tal-proġett 'il quddiem***; jesprimi l-opinjoni li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin tista' sservi bħala mod effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja; |

Or. en

**Emenda 295**
**Niels Fuglsang, Jens Geier, Carlos Zorrinho, Beatrice Covassi, Robert Hajšel, Dan Nica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jinnota li ***r-reżistenza pubblika għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib*** ambjentali ***bħall-kontaminazzjoni*** possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet ***jew*** l-isfruttament żejjed tal-ilma; jesprimi ***l-opinjoni*** li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin ***tista' sservi*** bħala ***mod*** effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja; | 25. Jinnota li ***l-aċċettazzjoni mill-pubbliku hija oġġett importanti anke minħabba l-inkwiet dwar impatti*** ambjentali ***u ta' viżibbiltà***: ***il-kontaminazzjoni*** possibbli tal-ilmijiet ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ta' gassijiet***,*** l-isfruttament żejjed tal-ilma; jesprimi ***opinjoni*** li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin***, l-indirizzar tat-tħassib u l-involviment bikri tal-partijiet ikkonċernati jistgħu jservu*** bħala ***l-mod*** effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja; |

Or. en

**Emenda 296**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika | 25. Jinnota li r-reżistenza pubblika |

| | |
|---|---|
| għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib ambjentali ***bħall-kontaminazzjoni*** possibbli ***tal-ilmijiet*** ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ***ta' gassijiet*** jew l-isfruttament żejjed tal-ilma; jesprimi l-opinjoni li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin tista' sservi bħala mod effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja; | għadha sfida għall-proġetti ġeotermali, b'mod partikolari abbażi ta' tħassib ambjentali ***bħall-interferenza*** possibbli ***mal-ilmijiet*** ta' taħt l-art, l-emissjonijiet ***mhux kondensibbli*** jew l-isfruttament żejjed tal-ilma; jesprimi l-opinjoni li ż-żamma ta' standards ambjentali u ta' trasparenza għoljin tista' sservi bħala mod effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja; |

Or. en

**Emenda 297**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. ifakkar li huwa essenzjali li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-enerġija ġeotermali jiġu regolati sabiex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-kontijiet tal-enerġija li għandhom impatt profond fuq l-istandard tal-għajxien tal-unitajiet domestiċi Ewropej u l-kompetittività industrijali tal-kontinent; jissottolinja, għal dan l-għan, li l-enerġija ġeotermali, bħala sors irħis ta' enerġija, tista' tiġi appoġġjata miċ-ċittadini Ewropej jekk verament tikkontribwixxi għat-tnaqqis tan-nefqa enerġetika tagħhom;*** |

Or. fr

**Emenda 298**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***25a. Jinnota li l-aċċettazzjoni mill-pubbliku relatata ma' installazzjonijiet ġeotermali ġodda tista' tittejjeb billi jiġu involuti komunitajiet lokali fil-fażi tal-ippjanar u l-implimentazzjoni; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tfassal linji gwida u l-aħjar prattiki, f'kollaborazzjoni mal-industrija u l-Istati Membri, dwar kif għandu jkun hemm involviment mal-komunitajiet lokali;***

Or. en

**Emenda 299**
**Seán Kelly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***25a. Jenfasizza s-sinifikat tal-kooperazzjoni globali, li tinvolvi l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-involviment fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi li jikkonċernaw it-teknoloġiji ġeotermali ma' nazzjonijiet u organizzazzjonijiet ta' partijiet terzi pertinenti;***

Or. ga

**Emenda 300**
**Morten Petersen, Christophe Grudler, Iskra Mihaylova, Nicola Danti, Andreas Glueck, Nicola Beer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***25a. Jenfasizza l-konsum tal-art limitat ħafna ta' proġetti ġeotermali, anke meta mqabbel ma' proġetti rinnovabbli oħrajn,***

| | |
|---|---|
| | ***li huwa favorevoli għall-aċċettazzjoni mill-pubbliku;*** |

Or. en

**Emenda 301**
**Pernille Weiss, Pilar del Castillo Vera, Seán Kelly, Radan Kanev, Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25b. Jinnota l-importanza ta' kollaborazzjoni internazzjonali, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki u riċerka u innovazzjoni dwar teknoloġiji ġeotermali, ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet rilevanti; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-Istati Uniti u l-Ġappun stabbilew ftehim ta' kooperazzjoni dwar l-enerġija ġeotermali; jistieden lill-UE tiżviluppa ftehimiet simili mas-sħab tagħha, bħal iżda mhux limitati għall-Iżlanda, l-Istati Uniti, ir-Renju Unit, l-Indoneżja, il-Messiku, it-Turkija u l-Kenja;*** |

Or. en

**Emenda 302**
**Marina Mesure**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25b. ifakkar li t-tnaqqis tar-riskji, b'mod partikolari dawk sismoloġiċi, irid ikun element ċentrali tal-istrateġija għall-użu tal-enerġija ġeotermali fil-fond; jistieden, għal dan l-għan, lill-Istati Membri u lill-Unjoni jkollhom servizzi ta' taħriġ u ta' prospettiva li jkunu ffinanzjati*** |

| | |
|---|---|
| | ***bizzejjed biex jistudjaw il-ħamrija u b'hekk jipprevjenu aħjar ir-riskji assoċjati mal-enerġija ġeotermali;*** |

Or. fr